Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT (KE) Nru 1333/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 2008

dwar l-addittivi ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 238/2010 tat-22 ta' Marzu 2010	L 75	17	23.3.2010
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 tal-11 ta' Novembru 2011	L 295	1	12.11.2011
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1130/2011 tal-11 ta' Novembru 2011	L 295	178	12.11.2011
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1131/2011 tal-11 ta' Novembru 2011	L 295	205	12.11.2011
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 232/2012 tas-16 ta' Marzu 2012	L 78	1	17.3.2012
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 380/2012 tat-3 ta' Mejju 2012	L 119	14	4.5.2012
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 470/2012 tal-4 ta' Ġunju 2012	L 144	16	5.6.2012
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 471/2012 tal-4 ta' Ġunju 2012	L 144	19	5.6.2012
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 472/2012 tal-4 ta' Ġunju 2012	L 144	22	5.6.2012
►M10	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 570/2012 tat-28 ta' Ġunju 2012	L 169	43	29.6.2012
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2012 tat-2 ta' Lulju 2012	L 173	8	3.7.2012
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 675/2012 tat-23 ta' Lulju 2012	L 196	52	24.7.2012
►M13	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1049/2012 tat-8 ta' Novembru 2012	L 310	41	9.11.2012
►M14	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1057/2012 tat-12 ta' Novembru 2012	L 313	11	13.11.2012
►M15	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1147/2012 tal-4 ta' Diċembru 2012	L 333	34	5.12.2012
►M16	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1148/2012 tal-4 ta' Diċembru 2012	L 333	37	5.12.2012
►M17	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1149/2012 tal-4 ta' Diċembru 2012	L 333	40	5.12.2012
►M18	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1166/2012 tas-7 ta' Diċembru 2012	L 336	75	8.12.2012
►M19	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 25/2013 tas-16 ta' Jannar 2013	L 13	1	17.1.2013
►M20	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2013 tad-19 ta' Marzu 2013	L 77	3	20.3.2013

►**M21**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 256/2013 tal-20 ta' Marzu 2013	L 79	24	21.3.2013
►**M22**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 438/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 129	28	14.5.2013
►**M23**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 509/2013 tat-3 ta' Ġunju 2013	L 150	13	4.6.2013
►**M24**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 510/2013 tat-3 ta' Ġunju 2013	L 150	17	4.6.2013
►**M25**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 723/2013 tas-26 ta' Lulju 2013	L 202	8	27.7.2013
►**M26**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2013 tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	32	31.7.2013
►**M27**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	35	31.7.2013
►**M28**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013	L 230	1	29.8.2013
►**M29**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 817/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013	L 230	7	29.8.2013
►**M30**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 818/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013	L 230	12	29.8.2013
►**M31**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 913/2013 tat-23 ta' Settembru 2013	L 252	11	24.9.2013

▼B

REGOLAMENT (KE) Nru 1333/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 2008

dwar l-addittivi ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-moviment liberu ta' ikel mhux perikoluż u sustanzjuż huwa aspett essenzjali tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-saħħa u għall-benesseri taċ-ċittadini, u għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom.

(2) Livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem għandu jiġi żgurat biex titwettaq il-politika tal-Komunità.

(3) Dan ir-Regolament jieħu post id-Direttivi u d-Deċiżjonijiet preċedenti li jikkonċernaw l-addittivi ta' l-ikel permessi għall-użu fl-ikel, bil-ħsieb li jkunu żgurati l-funzjonament effettiv tas-suq intern filwaqt li jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż il-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi, permezz ta' proċeduri komprensivi u semplifikati.

(4) Dan ir-Regolament jarmonizza l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel f'ikel fil-Komunità. Dan jinkludi l-użu ta' addittivi ta' l-ikel f'ikel kopert bid-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari ([3]) u l-użu ta' ċerti kuluri ta' l-ikel għall-immarkar tas-saħħa tal-laħam u għat-tiżjin u għall-istampar tal-bajd. Dan jarmonizza wkoll l-użu ta' addittivi ta' l-ikel fl-addittivi ta' l-ikel u fl-enzimi ta' l-ikel, biex b'hekk ikunu żgurati s-sigurtà u l-kwalità tagħhom u jiġu ffaċilitati l-ħażna u l-użu tagħhom. Dan ma kienx regolat fuq livell Komunitarju preċedentement.

([1]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 34.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 142), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2008 (ĠU C 111 E, 6.5.2008, p. 10), Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008. (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2008
([3]) ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27.

▼B

(5) L-addittivi ta’ l-ikel huma sustanzi li normalment ma jkunux ikkonsmati bħala ikel innifsu iżda jiġu miżjuda intenzjonalment ma’ l-ikel għal skop teknoloġiku deskritt f’dan ir-Regolament, bħall-preservazzjoni ta’ l-ikel. L-addittivi kollha ta’ l-ikel għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament, u għalhekk fid-dawl ta’ progress xjentifiku u żvilupp teknoloġiku l-lista ta’ klassijiet funzjonali għandha tiġi aġġornata. Madankollu, sustanzi m’għandhomx jitqiesu bħala addittivi ta’ l-ikel meta dawn jintużaw għall-iskop li jaromatizzaw u/jew jagħtu togħma jew għal finijiet nutrittivi, bħas-sostituti tal-melħ, il-vitamini u l-minerali. Barra minn hekk, sustanzi meqjusa bħala ikel li jista’ jintuża għal funzjoni teknoloġika, bħall-klorur tas-sodju jew iż-żagħfran għall-kulur u l-enzimi ta’ l-ikel, ukoll m’għandhomx jaqgħu fl-ambitu ta’ dan ir-Regolament. Madankollu, l-preparati li jinkisbu mill-ikel u minn materjali oħrajn li ġejjin minn sorsi naturali, li huma intiżi li jkollhom effett teknoloġiku fl-ikel finali u li jinkisbu mill-estrazzjoni selettiva tal-kostitwenti (eż. pigmenti) relattiva għall-kostitwenti nutrittivi jew aromatiċi għandhom jiġu kkunsidrati addittivi fit-tifsira ta’ dan ir-Regolament. Fl-aħħarnett, l-enżimi ta’ l-ikel huma koperti bir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi ta’ l-ikel ([1]), li jeskludi l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

(6) Is-sustanzi li ma jiġux ikkonsmati bħala ikel fihom infushom iżda jintużaw apposta fl-ipproċessar ta’ l-ikel, li jibqgħu biss bħala residwi fl-ikel finali u li ma jkollhomx effett teknoloġiku fil-prodott finali (għajnuniet għall-ipproċessar), m’għandhomx ikunu koperti b’dan ir-Regolament.

(7) L-addittivi ta’ l-ikel għandhom jiġu approvati u użati biss jekk dawn jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f’dan ir-Regolament. L-addittivi ta’ l-ikel m’għandhomx ikunu perikoluż meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, u l-użu tagħhom m’għandux jiżgwida lill-konsumatur u l-użu tagħhom għandu jkun ta’ benefiċċju għall-konsumatur. L-iżgwidar tal-konsumatur jinkludi, iżda mhux limitat għal, kwistjonijiet relatati man-natura, il-freskezza, il-kwalità ta’ l-ingredjenti użati, kemm huwa naturali prodott jew il-proċess ta’ produzzjoni, jew il-kwalità nutrittiva tal-prodott, inkluż il-kontenut ta’ ħaxix jew frott tiegħu. L-approvazzjoni ta’ l-addittivi ta’ l-ikel għandha tieħu kont ukoll ta’ fatturi oħrajn rilevanti għall-kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata inklużi fatturi soċjetali, ekonomiċi, tradizzjonali, etiċi u ambjentali u l-fattibbiltà tal-kontrolli. L-użu u l-livelli massimi ta’ addittiv ta’ l-ikel għandhom jieħdu kont tal-konsum ta’ l-addittiv ta’ l-ikel minn sorsi oħrajn u l-esponiment għall-addittiv ta’ l-ikel minn gruppi speċjali ta’ konsumaturi (per eżempju konsumaturi allerġiċi).

(8) L-addittivi ta’ l-ikel għandhom jikkonformaw ma’ l-ispeċifikazzjonijiet approvati, li għandhom jinkludu informazzjoni biex ikun identifikat b’mod adegwat l-addittiv ta’ l-ikel, inkluża l-oriġini u biex ikunu deskritti l-kriterji aċċettabbli ta’ purità. L-ispeċifikazzjonijiet żviluppati qabel għall-addittivi ta’ l-ikel inklużi fid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/31/KE tal-5 ta’ Lulju 1995 li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità

([1]) Ara paġna 7 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

ta’ sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għall-użu f’oġġetti ta’ l-ikel [1], id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/45/KE tas-26 ta’ Lulju 1995 li tippreskrivi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta’ sustanzi ta’ taħlil għall-użu fl-ikel [2] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 96/77/KE tat-2 ta’ Diċembru 1996 li tispeċifika l-kriterja tal-purità rigward l-addittivi ta’ l-ikel apparti mill-kuluri u s-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa [3] għandhom jinżammu sakemm l-addittivi korrispondenti jiġu inklużi fl-Annessi għal dan ir-Regolament. Meta jsir dan, l-ispeċifikazzjonijiet relatati ma’ tali addittivi għandhom jitniżżlu f’Regolament. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jirrelataw direttament ma’ l-addittivi inklużi fil-listi Komunitarji fl-Annessi għal dan ir-Regolament. Madankollu, meta jitqiesu n-natura u s-sustanza komplessi ta’ tali speċifikazzjonijiet, għall-iskop ta’ ċarezza, dawn m’għandhomx jiġu integrati bħala tali fil-listi Komunitarji iżda għandhom jitniżżlu f’Regolament separat wieħed jew aktar.

(9) Uħud mill-addittivi ta’ l-ikel huma permessi għal użi speċifiċi għal ċerta prattika u ċerti proċessi enoloġiċi. L-użu ta’ tali addittivi ta’ l-ikel għandu jikkonforma ma’ dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti.

(10) Sabiex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-approvazzjoni ta’ l-addittivi ta’ l-ikel għandhom jitwettqu skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta’ awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta’ l-ikel, l-enżimi ta’ l-ikel u l-aromatizzanti ta’ l-ikel [4].

(11) Skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà ta’ l-ikel [5] l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn ‘il quddiem imsejħa l-“Awtorità”) għandha tiġi kkonsultata dwar kwistjonijiet li probabbilment jaffettwaw is-saħħa pubblika.

(12) Addittiv ta’ l-ikel li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [6], għandu jkun awtorizzat skond dak ir-Regolament kif ukoll taħt dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 178, 28.7.1995, p. 1.
[2] ĠU L 226, 22.9.1995, p. 1.
[3] ĠU L 339, 30.12.1996, p. 1.
[4] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[5] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[6] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

▼B

(13) Addittiv ta' l-ikel li kien diġà approvat taħt dan ir-Regolament li jitħejja b'metodi ta' produzzjoni jew bl-użu ta' materjali tal-bidu li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk li huma inklużi fil-valutazzjoni tar-riskju ta' l-Awtorità, jew differenti minn dawk koperti mill-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti, għandu jiġu sottomess għall-evalwazzjoni mill-Awtorità. "Differenti b'mod sinifikanti" tista' tfisser inter alia bidla fil-metodu tal-produzzjoni mill-estrazzjoni minn pjanta sal-produzzjoni bil-fermentazzjoni bl-użu ta' mikroorganiżmu jew modifika ġenetika tal-mikroorganiżmu oriġinali, bidla fil-materjali tal-bidu, jew bidla fid-daqs tal-partiċella, inkluż l-użu tan-nanoteknoloġija.

(14) L-additivi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom ikunu evalwati mill-ġdid kull meta jkun meħtieġ fid-dawl tal-kondizzjonijiet ta' l-użu li jinbidlu u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri għandha tikkunsidra azzjoni xierqa.

(15) L-Istati Membri li fl-1 ta' Jannar 1992 żammew il-projbizzjonijiet dwar l-użu ta' ċerti additivi f'ċerti ikel speċifiċi li jitqiesu tradizzjonali u li jiġu prodotti fit-territorju tagħhom għandhom jingħataw il-permess li jkomplu japplikaw dawk il-projbizzjonijiet. Madankollu, fir-rigward ta' prodotti bħall-"Feta" jew is-"Salame cacciatore", ir-Regolament preżenti għandu jkun mingħajr preġudizzju għal regoli aktar restrittivi li huma marbuta ma' l-użu ta' ċerti denominazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel [1] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti [2].

(16) Sakemm mhux soġġett għal aktar restrizzjonijiet, additiv jista' jkun preżenti fl-ikel, b'mod ieħor li m'huwiex b'żieda diretta, bħala riżultat ta' riportar minn ingredjent li fih kien permess l-additiv, sakemm il-livell ta' l-additiv fl-ikel finali m'huwiex akbar minn dak li kien jiġi introdott bl-użu ta' l-ingredjent taħt kondizzjonijiet teknoloġiċi korretti u prattika tajba ta' manifatturar.

(17) L-additivi ta' l-ikel jibqgħu soġġetti għall-obbligi ġenerali tat-tikkettjar kif previst fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u reklamar ta' prodotti ta' l-ikel [3] u, kif jista' jkun il-każ, fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti ta' l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament [4]. Barra minn hekk, f'dan ir-Regolament għandhom jinstabu d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar ta' l-additivi ta' l-ikel mibjugħa bħala tali lill-manifattur jew lill-konsumatur finali.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.
([4]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

▼B

(18) Sustanzi li jagħtu l-ħlewwa taħt dan ir-Regolament jistgħu jintużaw f'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda mibjugħa direttament lill-konsumaturi. Il-manifatturi ta' tali prodotti għandhom jagħmlu l-informazzjoni disponibbli lill-konsumatur b'mezzi adegwati sabiex dawn ikunu jistgħu jużaw il-prodotti b'mod sigur. Tali informazzjoni tista' ssir disponibbli b'numru ta' modi inklużi fuq it-tikketti tal-prodotti, siti ta' l-Internet, linji telefoniċi ta' informazzjoni għall-konsumatur jew fil-post tal-bejgħ. Sabiex ikun hemm approċċ uniformi rigward l-implimentazzjoni ta' din il-ħtieġa, tista' tkun meħtieġa gwida mfassla fil-livell Komunitarju.

(19) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(20) B'mod partikolari il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament u biex tadotta miżuri transitorji xierqa. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissuplimentawh b' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(21) Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti ta' żmien normali għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom ikunu mqassra għall-adozzjoni ta' ċerti emendi għall-Annessi II u III relatati ma' sustanzi diġà awtorizzati taħt leġislazzjoni Komunitarja oħra kif ukoll kwalunkwe miżura transitorja xierqa relatata ma' dawn is-sustanzi.

(22) Sabiex tkun żviluppata u aġġornata l-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-addittivi ta' l-ikel b'mod proporzjonat u effettiv, huwa neċessarju li tinġabar id-data, tiġi kondiviża l-informazzjoni u tkun ikkoordinata l-ħidma bejn l-Istati Membri. Għal dak l-iskop, jista' jkun utli li jsiru studji li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Huwa xieraq li bħala parti mill-proċedura baġitarja tagħha l-Komunità tkun tista' tiffinanzja tali studji. Il-finanzjament ta' tali miżuri huwa kopert mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali ([2]).

(23) L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali biex jinfurzaw il-konformità ma' dan ir-Regolament skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni korretta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

▼B

(24) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jkunu stabbiliti r-regoli Komunitarji dwar l-addittivi ta' l-ikel, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, fl-interessi ta' l-unità tas-suq u minħabba l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, jista' jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(25) Wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali, għandha tirrevedi l-awtorizzazzjonijiet eżistenti kollha għal kriterji, għajr is-sikurezza, bħall-konsum, il-ħtieġa teknoloġika u l-potenzjal li jiġi żgwidat il-konsumatur. L-addittivi kollha ta' l-ikel li ser ikomplu jiġu awtorizzati fil-Komunità għandhom jiġu trasferiti għal-listi Komunitarji fl-Annessi II u III għal dan ir-Regolament. L-Anness III għal dan ir-Regolament għandu jkun ikkompletat bl-addittivi ta' l-ikel l-oħrajn li jintużaw fl-addittivi ta' l-ikel u l-enżimi ta' l-ikel kif ukoll l-aġenti veikoli għan-nutrijenti u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom skond ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-aromatizzanti ta' l-ikel]. Biex jippermettu perijodu transitorju xieraq, id-dispożizzjonijiet fl-Anness III, għajr id-dispożizzjonijiet dwar l-aġenti veikoli għall-addittivi ta' l-ikel u l-additivi ta' l-ikel fis-sustanzi aromatizzanti, m'għandhomx japplikaw sa l-1 ta' Jannar 2011.

(26) Sakemm jiġu stabbiliti l-listi Komunitarji futuri ta' l-addittivi ta' l-ikel, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta proċedura simplifikata li tippermetti l-aġġornament tal-listi attwali ta' l-addittivi ta' l-ikel li jinstabu fid-Direttivi eżistenti.

(27) Mingħajr preġudizzju għar-riżultat tar-reviżjoni imsemmija fil-premessa 25, fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' evalwazzjoni għall-Awtorità biex tkun ivvalutata mill-ġdid is-sikurezza ta' l-addittivi ta' l-ikel li kienu diġà approvati fil-Komunità. Dak il-programm għandu jiddefinixxi l-ħtiġiet u l-ordni tal-prijoritajiet li skond dawn l-addittivi ta' l-ikel approvati għandhom jiġu eżaminati.

(28) Dan ir-Regolament jirrevoka u jissostitwixxi l-atti li ġejjin: Id-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri dwar materja koloranti awtorizzata għall-użu ta' affarijiet ta' l-ikel maħsuba għal konsum mill-bniedem ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 65/66/KEE tas-26 ta' Jannar 1965 li tistabbilixxi kriterji speċifiċi dwar il-purità tal-konservanti awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([2]), id-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tistabbilixxi

([1]) ĠU 115, 11.11.1962, p. 2645/62.
([2]) ĠU 22, 9.2.1965, p. 373.

▼B

l-kriterji speċifiċi ta' purità għall-emulsjonanti, stabilizzaturi, aġenti li jħaxxnu u ta' gelling għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 78/664/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' purità għall-antiossidanti li jistgħu jintużaw fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([2]), l-Ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 81/712/KEE tat-28 ta' Lulju 1981 li tistabbilixxi metodi fil-Komunità ta' analiżi biex jiġi verifikat li ċerti additivi użati fl-ikel jissodisfaw kriterji ta' purità ([3]), id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([4]), id-Direttiva 94/35/KE tal-Parlament Ewropew utal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel ([5]), id-Direttiva 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel ([6]), id-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi ta' l-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa ([7]), id-Deċiżjoni 292/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar iż-żamma tal-liġijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-użu ta' ċerti addittivi fil-produzzjoni ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel speċifiċi ([8]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/247/KE tas-27 ta' Marzu 2002 li tissospendi t-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni tal-ħelu tal-jelly li jkun fih l-additiv E 425 konjac ([9]). Madankollu, huwa xieraq li ċerti dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti jibqgħu fis-seħħ matul perijodu transitorju biex iħallu żmien għat-tħejjija tal-listi Komunitarji fl-Annessi għar-Regolament preżenti.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar l-addittivi ta' l-ikel użati fl-ikel biex jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż il-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi u prattika ġusta fil-kummerċ ta' l-ikel, b'kont meħud ta', fejn xieraq, il-protezzjoni ta' l-ambjent.

Għal dawk il-finijiet, dan ir-Regolament jipprovdi għal:

(a) listi Komunitarji ta' addittivi ta' l-ikel approvati kif imniżżel fl-Annessi II u III;

([1]) ĠU L 223, 14.8.1978, p. 7.
([2]) ĠU L 223, 14.8.1978, p. 30.
([3]) ĠU L 257, 10.9.1981, p. 1.
([4]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27.
([5]) ĠU L 237, 10.9.1994, p. 3.
([6]) ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13.
([7]) ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1.
([8]) ĠU L 48, 19.2.1997, p. 13.
([9]) ĠU L 84, 28.3.2002, p. 69.

▼B

(b) kondizzjonijiet ta' l-użu ta' additivi fl-ikel, inkluż f'addittivi ta' l-ikel u f'enżimi ta' l-ikel kif kopert mir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 [dwar enżimi fl-ikel], u ta' aromatizzanti ta' l-ikel kif koperti mir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti ta' l-ikel b'karatteristiċi aromatizzanti għall-użu fl-ikel ([1]);

(ċ) ir-regoli dwar l-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel mibjugħa bħala tali.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-addittivi ta' l-ikel.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għas-sustanzi li ġejjin sakemm ma jintużawx bħala addittivi ta' l-ikel:

(a) għajnuniet ta' pproċessar;

(b) sustanzi li jintużaw għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti skond ir-regoli Komunitarji li jirrelataw mas-saħħa tal-pjanti;

(ċ) sustanzi miżjuda ma' l-ikel bħala nutrijenti;

(d) sustanzi użati għat-trattament ta' l-ilma għall-konsum mill-bniedem li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalita' ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ([2]);

(e) aromatizzanti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 [dwar aromatizzanti u ċertu ingredjenti ta' l-ikel bi propjetajiet ta' aromatizzanti għall-użu fl-ikel].

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-enżimi ta' l-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1332/2008 [dwar enżimi fl-ikel] b'effett mid-data ta' l-adozzjoni tal-lista Komunitarja ta' enżimi ta' l-ikel skond l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola Komunitarja speċifika li tikkonċerna l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel:

(a) f'ikel speċifiku;

(b) għal finijiet li m'humiex dawk koperti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġew stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nri 178/2002 u 1829/2003 għandhom japplikaw.

([1]) Ara paġna 34 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.

▼B

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "addittiv ta' l-ikel" għandha tfisser kwalunkwe sustanza li normalment ma tkunx ikkonsmata bħala ikel fiha nnifisha u li normalment ma tintużax bħala ingredjent karatteristiku ta' l-ikel, kemm jekk ikollha valur nutrittiv u kemm jekk le, li ż-żieda maħsuba tagħha ma' l-ikel għal għan teknoloġiku fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar, fit-trasport jew fil-ħażna ta' ikel bħal dan tirriżulta, jew wieħed raġonevolment jistenna li tista' tirriżulta, li huwa jew il-prodotti sekondarji tiegħu jsiru direttament jew indirettament komponent ta' ikel bħal dan;

Dawn li ġejjin ma jitqiesux bħala addittivi ta' l-ikel:

(i) il-monosakkaridi, id-disakkaridi jew l-oligosakkaridi u l-ikel li fih dawn is-sustanzi użati għall-karatteristiċi tagħhom li jagħtu l-ħlewwa;

(ii) l-ikel, kemm jekk niexef jew f'forma kkonċentrata, inklużi s-sustanzi aromatizzanti inkorporati waqt il-manifattura ta' ikel kompost, minħabba fil-karatteristiċi aromatiċi, bnien jew nutrittivi tagħhom flimkien ma' l-effett sekondarju li jagħtu l-kulur;

(iii) is-sustanzi li jintużaw biex jgħattu jew jiksu materjali, li ma jifformawx parti mill-ikel u mhumiex maħsuba biex ikunu kkonsmati ma' dak l-ikel;

(iv) il-prodotti li fihom il-pektin u li huma derivati mill-ilbieba niexfa tat-tuffieħ jew mill-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew l-isfraġel, jew minn taħlita tagħhom, permezz ta' l-azzjoni ta' aċidu dilwit segwit min-newtralizzazzjoni parzjali b'melħ tas-sodju jew tal-potassju ("pektin likwidu");

(v) il-bażijiet taċ-ċjuwing-gamm;

(vi) id-destrina bajda jew safra, il-lamtu inkaljat jew destrinat, il-lamtu modifikat bi trattament bl-aċidu jew bl-alkali, il-lamtu bbliċjat, il-lamtu fiżikament modifikat u l-lamtu ttrattat b'enzimi amilolitiċi;

(vii) il-klorur ta' l-ammonja;

(viii) il-plasma tad-demm, il-ġelatina li tittiekel, il-proteini idrolisati u l-melħ tagħhom, il-proteina u l-glutina tal-ħalib;

(ix) l-aċidi amminiċi u l-melħ tagħhom għajr għall-aċidu glutamiku, għall-gliċina, għas-cysteine u għaċ-ċistin u l-melħ tagħhom li m'għandhom l-ebda funzjoni teknoloġika;

(x) kaseinati u kaseina;

(xi) l-inulina;

(b) "għajnuna għall-ipproċessar" tfisser kwalunkwe sustanza li:

(i) ma tiġix ikkonsmata bħala ikel waħidha;

(ii) tintuża intenzjonalment fl-ipproċessar ta' materja prima, ta' ikel jew ta' l-ingredjenti tagħhom li mhumiex ipproċessati, biex jiġi sodisfatt ċertu skop teknoloġiku matul it-trattament jew l-ipproċessar; u

(iii) tista' tirriżulta fil-preżenza mhux maħsuba, iżda li teknikament ma tistax tkun evitata fil-prodott finali, ta' residwi tas-sustanza jew tad-derivati tagħha, sakemm ma jippreżentawx kwalunkwe riskju għas-saħħa u ma jkollhom l-ebda effett teknoloġiku fuq il-prodott finali;

▼B

(ċ) “klassi funzjonali” għandha tfisser waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness I li hija bbażata fuq il-funzjoni teknoloġika li jeżerċita additiv ta’ l-ikel fl-oġġett ta’ l-ikel;

(d) “ikel mhux ipproċessat” għandha tfisser ikel li ma jkunx għadda minn kwalunkwe trattament li jirriżulta f’bidla sostanzjali fl-istat oriġinali ta’ l-ikel, għal liema skop, dawn li ġejjin b’mod partikolari ma jitqisux bħala li jirriżultaw f’bidla sostanzjali: il-qsim, il-ferqien, il-qtugħ, it-tneħħija ta’ l-għadam, l-ikkapuljar, it-tqaxxir tal-ġilda, il-qtugħ tat-truf, it-tqaxxir tal-qoxra, it-titħin, il-qtugħ, it-tindif, it-tirqim, id-deep-freezing, l-iffriżar, it-tkessiħ, it-titħin f’miħna, it-tneħħija tal-ħliefa, l-ippakkjar jew l-ispakkjar;

(e) “ikel bla zokkor miżjud” għandha tfisser ikel mingħajr dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe monosakkaridi jew disakkaridi miżjudin;

(ii) kwalunkwe ikel li fih monosakkaridi, jew disakkaridi li jintuża għall-karatteristiċi tiegħu li jagħti l-ħlewwa;

(f) “ikel b’valur enerġetiku mnaqqas” għandha tfisser ikel b’valur enerġetiku mnaqqas b’mill-inqas 30 % meta mqabbel ma’ l-ikel oriġinali jew ma’ prodotti simili.;

(g) “sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda” għandha tfisser preparati ta’ sustanzi li jagħtu ħlewwa permessi, li jista’ jkun fihom additivi ta’ l-ikel u/jew ingredjenti ta’ l-ikel oħrajn u li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali bħala sostitut għaz-zokkor.

(h) “quantum satis” għandha tfisser li l-ebda livell numeriku massimu m’hu speċifikat u s-sustanzi għandhom ikunu użati skond il-prattika ta’ manifattura tajba, f’livell li ma jkunx ogħla minn dak meħtieġ biex jinkiseb l-iskop maħsub u sakemm il-konsumatur ma jiġix żgwidat.

KAPITOLU II

LISTI KOMUNITARJI TA’ ADDITTIVI TA’ L-IKEL APPROVATI

Artikolu 4

Listi Komunitarji ta’ additivi ta’ l-ikel

1. L-additivi ta’ l-ikel inklużi fil-lista Komunitarja fl-Anness II biss jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jintużaw fl-ikel taħt il-kondizzjonijiet ta’ użu speċifikati hemmhekk.

2. L-additivi ta’ l-ikel inklużi fil-lista Komunitarja fl-Anness III biss jistgħu jintużaw fl-additivi ta’ l-ikel u, fl-enżimi ta’ l-ikel u fl-aromatizzanti ta’ l-ikel taħt il-kondizzjonijiet ta’ użu speċifikati hemmhekk.

3. L-additivi ta’ l-ikel fl-Anness II għandhom jiġu elenkati fuq il-bażi tal-kategoriji ta’ l-ikel li magħhom jistgħu jiġu miżjuda.

4. L-additivi ta’ l-ikel fl-Anness III għandhom jiġu elenkati fuq il-bażi ta’ l-additivi ta’ l-ikel, l-enżimi ta’ l-ikel, l-aromatizzanti ta’ l-ikel u n-nutrijenti jew il-kategoriji tagħhom li magħhom jistgħu jiġu miżjuda.

5. L-additivi ta’ l-ikel għandhom ikunu konformi ma’ l-ispeċifikazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 14.

▼B

Artikolu 5

Projbizzjoni ta' addittivi ta' l-ikel mhux konformi u/jew ikel mhux konformi

L-ebda persuna ma għandha tqiegħed fis-suq addittiv ta' l-ikel jew kwalunkwe ikel li fih huwa preżenti tali addittiv ta' l-ikel jekk l-użu ta' l-addittiv ta' l-ikel ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Kondizzjonijiet ġenerali għall-inklużjoni u l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel fil-listi Komunitarji

1. Addittiv ta' l-ikel jista' jiġi inkluż fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III biss jekk dan jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin u fejn rilevanti fatturi leġittimi oħrajn, inkluż fatturi ambjentali:

(a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli, dan ma joħloqx tħassib għas-sikurezza tas-saħħa tal-konsumatur fil-livell ta' l-użu propost;

(b) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli li ma tistax tinkiseb permezz ta' mezzi oħrajn li huma ekonomikament u teknoloġikament prattikabbli, u

(ċ) l-użu tiegħu ma jiżgwidax lill-konsumatur.

2. Biex jiġi inkluż fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III, addittiv ta' l-ikel irid ikollu vantaġġi u benefiċċji għall-konsumatur, u għalhekk jaqdi wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin:

(a) jippreserva l-kwalità nutrizzjonali ta' l-ikel;

(b) jipprovdi l-ingredjenti jew il-kostitwenti meħtieġa għall-ikel li jkun manifatturat għal gruppi ta' konsumaturi bi bżonnijiet ta' dieta speċjali;

(ċ) ikabbar il-kwalità jew l-istabbiltà taż-żamma ta' ikel jew itejjeb il-karatteristiċi organolettiċi tiegħu, sakemm in-natura, is-sustanza jew il-kwalità ta' l-ikel ma tinbidilx b'tali mod li tiżgwida lill-konsumatur;

(d) jgħin fil-manifattura, l-ipproċessar, il-preparazzjoni, it-trattament, l-ippakkjar, it-trasport jew il-ħżin ta' l-ikel, inklużi l-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-aromatizzanti ta' l-ikel, sakemm l-addittiv ta' l-ikel ma jintużax biex jaħbi l-effetti ta' l-użu ta' materji primi difettużi jew ta' xi prattika jew teknika mhux mixtieqa, inkluża prattika jew teknika mhux iġjenika, matul kwalunkwe tali attività.

3. Bħala deroga mill-paragrafu 2(a), addittiv ta' l-ikel li jnaqqas il-kwalità nutrizzjonali ta' l-ikel jista' jiġi inkluż fil-lista Komunitarja fl-Anness II sakemm:

(a) l-ikel ma jikkostitwixxix komponent sinifikanti ta' dieta normali; jew

(b) l-addittiv ta' l-ikel huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' l-ikel għal gruppi ta' konsumaturi bi bżonnijiet ta' dieta speċjali.

▼B

Artikolu 7

Kondizzjonijiet speċifiċi għas-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa

Addittiv ta' l-ikel jista' jkun inkluż fil-lista Komunitarja fl-Anness II għall-klassi funzjonali ta' sustanza li tagħti l-ħlewwa biss jekk, barra milli jaqdi waħda jew aktar mill-finijiet imniżżla fl-Artikolu 6(2), huwa jaqdi wkoll waħda jew aktar mill-finijiet li ġejjin:

(a) jissostitwixxi z-zokkor għall-produzzjoni ta' ikel b'valur enerġetiku mnaqqas, ta' ikel mhux karjoġeniku jew ta' ikel bla zokkor miżjud, jew

(b) jissostitwixxi z-zokkor fejn dan jippermetti żieda fit-tul ta' żmien qabel jiskadi l-ikel, jew

(ċ) jipproduċi ikel maħsub għal użi nutrizzjonali partikolari kif iddefinit fl-Artikolu 1 (2)(a) tad-Direttiva 89/398/KEE.

Artikolu 8

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-kuluri

Addittiv ta' l-ikel jista' jiġi inkluż fil-lista Komunitarja fl-Anness II għall-klassi funzjonali ta' kulur biss jekk, barra milli jaqdi waħda jew aktar mill-finijiet imniżżla fl-Artikolu 6(2), huwa jaqdi waħda mill-finijiet li ġejjin:

(a) jerġa' jagħti d-dehra oriġinali ta' l-ikel li l-kulur tiegħu ġie affettwat bl-ipproċessar, bil-ħażna, bl-ippakkjar u bid-distribuzzjoni, li fejn setgħet tgħarrqet l-aċċettabilità viżwali;

(b) jagħmel l-ikel aktar attraenti viżwalment,

(ċ) jagħti l-kulur lill-ikel li kieku jkun bla kulur.

Artikolu 9

Klassijiet funzjonali ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. L-addittivi ta' l-ikel jistgħu jiġu assenjati fl-Annessi II u III lil waħda mill-klassijiet funzjonali fl-Anness I abbażi tal-funzjoni teknoloġika prinċipali ta' l-addittiv ta' l-ikel.

L-allokazzjoni ta' addittiv ta' l-ikel fi klassi funzjonali m'għandhiex tipprekludih milli jintuża għal diversi funzjonijiet.

2. Fejn meħtieġ, bħala riżultat ta' progress xjentifiku jew żvilupp teknoloġiku, il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, relatati ma' klassijiet funzjonali addizzjonali li jistgħu jiżdiedu ma' l-Anness I għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3).

Artikolu 10

Il-kontenut tal-listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. Addittiv ta' l-ikel li jikkonforma mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8, jista skond il-proċedura li ġiet imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-aromatizzanti ta' l-ikel], jiġi inkluż fi:

(a) il-lista Komunitarja fl-Anness II għar-Regolament preżenti; u/jew

▼B

(b) il-lista Komunitarja fl-Anness III għar-Regolament preżenti.

2. L-inklużjoni ta' addittiv ta' l-ikel fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III għandha tispeċifika:

(a) l-isem ta' l-addittiv ta' l-ikel u n-numru E tiegħu;

(b) l-ikel li miegħu jista' jiġi miżjud l-addittiv ta' l-ikel;

(ċ) il-kondizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-addittiv ta' l-ikel;

(d) jekk xieraq, jekk ikunx hemm xi restrizzjonijiet dwar il-bejgħ ta' l-addittiv ta' l-ikel direttament lill-konsumatur finali.

3. Il-listi Komunitarji fl-Annessi II u III għandhom jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-aromatizzanti ta' l-ikel].

Artikolu 11

Livelli ta' l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. Meta jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' l-użu li jissemmew fl-Artikolu 10(2)(c):

(a) il-livell ta' l-użu għandu jiġi ffissat fl-iktar livell baxx meħtieġ biex jinkiseb l-effett mixtieq;

(b) il-livelli għandhom jieħdu kont ta':

(i) kwalunkwe konsum aċċettabbli ta' kuljum, jew valutazzjoni ekwivalenti, li ġiet stabbilita għall-addittiv ta' l-ikel u l-konsum probabbli ta' kuljum tiegħu mis-sorsi kollha;

(ii) fejn l-addittiv ta' l-ikel ser jintuża fl-ikel li jittiekel minn gruppi speċjali ta' konsumaturi, il-konsum possibbli ta' kuljum ta' l-addittiv ta' l-ikel mill-konsumaturi f'dawk il-gruppi.

2. Fejn xieraq, m'għandu jiġi ffissat l-ebda livell numeriku massimu għal addittiv ta' l-ikel (quantum satis). F'dak il-każ, l-addittiv ta' l-ikel għandu jintuża skond il-prinċipju ta' quantum satis.

3. Il-livelli massimi ta' addittivi ta' l-ikel imniżżla fl-Anness II għandhom japplikaw għall-ikel kif ikkummerċjalizzat, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. B'deroga minn dan il-prinċipju, għall-ikel niexef u/jew ikkonċentrat li jeħtieġ jiġi rikostitwit għandhom japplikaw il-livelli massimi għall-ikel kif rikostitwit skond l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta, b'kont meħud tal-fattur ta' dilwizzjoni minima.

4. Il-livelli massimi għall-kuluri stabbiliti fl-Anness II għandhom japplikaw għall-kwantitajiet ta' kostitwenti koloranti li hemm fil-preparazzjoni tas-sustanza koloranti, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Artikolu 12

Tibdil fil-proċess ta' produzzjoni jew fil-materjali tal-bidu ta' addittiv ta' l-ikel diġà inkluż f'lista Komunitarja

Meta addittiv ta' l-ikel diġà jkun inkluż f'lista Komunitarja u jkun hemm bidla sinifikanti fil-metodi tal-produzzjoni tiegħu jew fil-materjali tal-bidu użati jew ikun hemm bidla fid-daqs tal-partiċella, eżempju permezz tan-nanoteknoloġija, l-addittiv ta' l-ikel imħejji b'dawn il-metodi jew materjali ġodda għandu jitqies bħala addittiv differenti, u bħala żieda ġdida fil-listi Komunitarji jew inkella tkun meħtieġa bidla fl-ispeċifikazzjonijiet qabel ma jkun jista' jitqiegħed fis-suq.

▼B

Artikolu 13

Addittivi ta' l-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003

1. Addittiv ta' l-ikel li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jista' jiġi inkluż fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III skond ir-Regolament preżenti biss meta jkun kopert minn awtorizzazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

2. Meta addittiv ta' l-ikel diġà inkluż fil-lista Komunitarja jiġi prodott minn sors differenti li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ma jkunx jeħtieġ awtorizzazzjoni ġdida skond dan ir-Regolament, sakemm is-sors il-ġdid ikun kopert minn awtorizzazzjoni bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u l-addittiv ta' l-ikel ikun konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti skond dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Speċifikazzjonijiet ta' l-addittivi ta' l-ikel

L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-addittivi ta' l-ikel li jirrelataw, b'mod partikolari, ma' l-oriġini, il-kriterji tal-purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra, għandhom jiġu adottati meta l-addittiv ta' l-ikel ikun inkluż għall-ewwel darba fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III, skond il-proċedura msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-aromatizzanti ta' l-ikel].

KAPITOLU III

UŻU TA' ADDITTIVI TA' L-IKEL FL-IKEL

Artikolu 15

Użu ta' addittivi ta' l-ikel fl-ikel mhux ipproċessat

L-addittivi ta' l-ikel m'għandhomx jintużaw fl-ikel mhux ipproċessat, ħlief fejn tali użu jkun speċifikament previst fl-Anness II.

Artikolu 16

Użu ta' addittivi ta' l-ikel fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar

Addittivi ta' l-ikel m'għandhomx jintużaw f'ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar kif imsemmi fid-Direttiva 89/398/KEE, inkluż ikel tad-dieta għat-trabi u għat-tfal żgħar għal finijiet mediċi speċjali, ħlief fejn speċifikament previst fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Użu ta' kuluri għall-immarkar

Il-kuluri ta' l-ikel li huma elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament biss jistgħu jintużaw għall-iskop ta' l-immarkar tas-saħħa kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 91/497/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 li temenda u tikkonsolida d-Direttiva 64/433/KEE dwar problemi tas-saħħa li

▼B

jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'laħam frisk ([1]) sabiex tiġi estiża għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk u għal immarkar ieħor meħtieġ fuq il-prodotti tal-laħam, għall-kuluri li jintużaw għad-dekorazzjoni tal-qxur tal-bajd u għall-istampar tal-qxur tal-bajd kif previst fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]).

Artikolu 18

Prinċipju ta' trasferiment

1. Il-preżenza ta' addittiv ta' l-ikel għandha tkun permessa:

(a) f'ikel kompost għajr minn kif jissemma fl-Anness II, fejn l-addittiv ta' l-ikel ikun permess f'wieħed mill-ingredjenti ta' l-ikel kompost;

(b) f'ikel li miegħu jkun ġie miżjud addittiv ta' l-ikel, enżima ta' l-ikel jew sustanza aromatizzanti, fejn l-addittiv ta' l-ikel:

(i) huwa permess fl-addittiv ta' l-ikel, fl-enżima ta' l-ikel jew fl-aromatizzanti ta' l-ikel skond dan ir-Regolament u

(ii) ġie trasferit fl-ikel permezz ta' l-addittiv ta' l-ikel, l-enżima ta' l-ikel jew l-aromatizzanti ta' l-ikel u

(iii) m'għandu l-ebda funzjoni teknoloġika fl-ikel finali;

(ċ) f'ikel li se jintuża biss fil-preparazzjoni ta' ikel kompost u sakemm l-ikel kompost ikun konformi ma' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-formulae tat-trabi, għal formulae tal-prosegwiment, għal ikel proċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għal ikel għat-trabi u għal ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar kif jissemma fid-Direttiva 89/398/KEE, ħlief fejn ikun provdut speċifikament.

3. Fejn addittiv ta' l-ikel f'aromatizzanti ta' l-ikel, f'addittiv ta' l-ikel jew f'enżima ta' l-ikel jiġi miżjud ma' l-ikel u jkollu funzjoni teknoloġika f'dak l-ikel, dan għandu jitqies bħala addittiv ta' l-ikel ta' dak l-ikel u mhux addittiv ta' l-ikel ta' l-aromatizzanti, l-addittiv ta' l-ikel jew l-enżima ta' l-ikel miżjuda, u għandu għalhekk ikun konformi mal-kondizzjonijiet ta' l-użu għal dak l-ikel kif previst.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-preżenza ta' addittiv ta' l-ikel użat bħala sustanza li tagħti l-ħlewwa għandha tkun permessa f'ikel kompost bla zokkor miżjud, f'ikel kompost b'valur enerġetiku mnaqqas, f'ikel kompost tad-dieta maħsub għal dieti b'ammont baxx ta' kaloriji, f'ikel kompost mhux karjoġeniku, u f'ikel kompost li għandu tul iżjed ta' żmien qabel jiskadi, sakemm dik is-sustanza li tagħti l-ħlewwa tkun permessa f'wieħed mill-ingredjenti ta' l-ikel kompost.

Artikolu 19

Deċiżjonijiet għall-interpretazzjoni

Fejn meħtieġ, skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 28(2) jista' jiġi deċiż jekk:

(a) ikel partikolari jappartjenix lil kategorija ta' ikel li tissemma fl-Anness II jew le; jew

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 69.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Verżjoni korretta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

▼B

(b) addittiv ta' l-ikel elenkat fl-Annessi II u III u permess fi "quantum satis" jintużax skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 11(2); jew

(ċ) sustanza partikolari tissodisfax id-definizzjoni ta' addittiv ta' l-ikel fl-Artikolu 3.

Artikolu 20

Ikel tradizzjonali

L-Istati Membri elenkati fl-Anness IV jistgħu jkomplu jipprojbixxu l-użu ta' ċerti kategoriji ta' addittivi ta' l-ikel fl-ikel tradizzjonali li jiġi prodott fit-territorju tagħhom kif elenkat f'dak l-Anness.

KAPITOLU IV

TIKKETTAR

Artikolu 21

Tikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel mhux maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

1. L-addittivi ta' l-ikel li m'humiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali, kemm jekk jinbiegħu wieħed wieħed jew jekk imħalltin flimkien u/jew ma' ingredjenti ta' l-ikel, kif iddefinit fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2000/13/KE, jistgħu jiġu kummerċjalizzati biss bit-tikkettar previst fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, li trid tkun tidher faċilment, tinqara b'mod ċar u ma titħassarx. L-informazzjoni għandha tkun f'lingwa li tiftiehem faċilment mix-xerrejja.

2. Fit-territorju tiegħu stess, l-Istat Membru li fih il-prodott jiġi kummerċjalizzat jista', skond it-Trattat, jistipula li din l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 22 għandha tingħata f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità, li għandha tiġi ddeterminata minn dak l-Istat Membru. Dan m'għandux jipprekludi li tali informazzjoni tiġi indikata f'diversi lingwi.

Artikolu 22

Ħtiġiet ġenerali tat-tikkettar għall-addittivi ta' l-ikel li m'humiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

1. Fejn l-addittivi ta' l-ikel m'humiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali, jinbiegħu wieħed wieħed jew imħalltin flimkien u/jew ma ingredjenti ta' l-ikel oħrajn u/jew ma' sustanzi oħrajn miżjuda magħhom, l-imballaġġ jew kontenitur għandu jkollu fuqu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u/jew in-numru E stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' kull addittiv ta' l-ikel jew deskrizzjoni tal-bejgħ li tinkludi l-isem u/jew in-numru E ta' kull addittiv ta' l-ikel;

(b) id-dikjarazzjoni "għall-ikel" jew id-dikjarazzjoni "użu ristrett fl-ikel" jew referenza aktar speċifika dwar l-użu maħsub tagħhom fl-ikel;

(ċ) jekk meħtieġ, il-kondizzjonijiet speċjali tal-ħżin u/jew ta' l-użu;

(d) marka li tidentifika l-lott;

▼B

(e) l-istruzzjonijiet għall-użu, jekk l-ommissjoni tagħhom għandha tipprekludi l-użu xieraq ta' l-addittiv ta' l-ikel;

(f) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-manifattur, ta' min jippakkja jew tal-bejjiegħ;

(g) indikazzjoni tal-kwantità massima ta' kull komponent jew grupp ta' komponenti soġġetti għal-limitu kwantitattiv fl-ikel u/jew informazzjoni xierqa f'termini ċari u li jiftiehmu faċilment li jippermettu lix-xerrej jikkonforma ma' dan ir-Regolament jew ma' liġi Komunitarja rilevanti oħra; fejn l-istess limitu fuq il-kwantità japplika għal grupp ta' komponenti li jintużaw wieħed wieħed jew f'taħlita, il-persentaġġ kombinat jista' jingħata bħala ċifra waħda; il-limitu tal-kwantità għandu jkun espress jew numerikament jew skond il-prinċipju quantum satis;

(h) il-kwantità netta;

(i) id-data ta' durabbiltà minima jew id-data sa meta tista' tintuża l-aħħar;

(j) fejn rilevanti, l-informazzjoni dwar l-addittiv ta' l-ikel jew sustanzi oħrajn imsemmija f'dan l-Artikolu u elenkati fl-Anness IIIa għad-Direttiva 2000/13/KE fir-rigward ta' l-indikazzjoni ta' l-ingredjenti preżenti fl-oġġetti ta' l-ikel.

2. Fejn l-addittivi ta' l-ikel jinbiegħu mħalltin flimkien u/jew ma' ingredjenti ta' l-ikel oħrajn, l-imballaġġ jew il-kontenituri tagħhom għandu jkollhom fuqhom lista ta' l-ingredjenti kollha f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tagħhom bil-piż mit-total.

3. Fejn sustanzi (inklużi addittivi ta' l-ikel jew ingredjenti ta' l-ikel oħrajn) jiġu miżjuda ma' l-addittivi ta' l-ikel biex jiffaċilitaw il-ħżin, il-bejgħ, l-istandardizzazzjoni, id-dilwizzjoni jew it-taħlil tagħhom, l-imballaġġ jew il-kontenituri għandu jkollhom fuqhom lista ta' tali sustanzi kollha f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tagħhom bil-piż mit-total.

4. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu 1 il-punti (e) sa (g) u fil-paragrafi 2 u 3 tista' tidher sempliċiment fuq id-dokumenti relatati mal-kunsinna li għandhom jiġu pprovduti ma' jew qabel il-kunsinna, sakemm l-indikazzjoni "mhux għall-bejgħ bl-imnut" tidher fuq parti li tidher faċilment ta' l-imballaġġ jew tal-kontenitur tal-prodott ikkonċernat.

5. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, fejn l-addittivi ta' l-ikel huma pprovduti f'tankers, l-informazzjoni kollha tista' tidher sempliċiment fuq id-dokumenti mehmuża relatati mal-kunsinna li għandhom jiġu pprovduti mal-kunsinna.

Artikolu 23

Tikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 89/396/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1989 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjeni oġġett ta' l-ikel [1] u għar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, l-addittivi ta' l-ikel li jinbiegħu wieħed wieħed jew imħalltin flimkien u/jew ma' ingredjenti ta' l-ikel oħrajn li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jiġu kummerċjalizzati biss jekk l-imballaġġ tagħhom ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u n-numru E stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' kull addittiv ta' l-ikel jew deskrizzjoni tal-bejgħ li tinkludi l-isem u n-numru E ta' kull addittiv ta' l-ikel

[1] ĠU L 186, 30.6.1989, p. 21.

▼B

(b) id-dikjarazzjoni “għall-ikel” jew id-dikjarazzjoni “użu ristrett fl-ikel” jew referenza aktar speċifika dwar l-użu maħsub tagħhom fl-ikel.

2. B’deroga mill-paragrafu 1 (a), id-deskrizzjoni tal-bejgħ ta’ sustanza li tagħti l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda għandha tinkludi t-terminu “… sustanza li tagħti l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda bbażata fuq …”, bl-użu ta’ l-isem(ismijiet) tas-sustanza(i) li tagħti(jagħtu) l-ħlewwa użata(i) fil-kompożizzjoni tagħha.

3. It-tikkettar ta’ sustanza li tagħti l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda li jkun fiha polijoli u/jew aspartame u/jew il-melħ ta’ l-aspartame-acesulfame għandu jkollu fuqu t-twissijiet li ġejjin:

(a) polioli: “konsum żejjed jista’ jikkaġuna effetti lassattivi”;

(b) aspartame/melħ ta’ l-aspartame-acesulfame: “fih sors ta’ fenila-lanin”.

4. Il-manifatturi ta’ sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda għandhom jagħmlu l-informazzjoni meħtieġa disponibbli lill-konsumatur b’mezzi adegwati sabiex dawn ikunu jistgħu jużaw il-prodotti b’mod sigur. Il-gwida għall-implimentazzjoni ta’ dan il-paragrafu tista’ tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3).

5. Għall-informazzjoni prevista fil-paragrafi 1 sa 3 ta’ dan l-Artikolu, għandu japplika kif meħtieġ l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2000/13/KE.

Artikolu 24

L-ittikkettar mitlub fuq ikel li fih ċerti kuluri ta’ l-ikel

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, l-ittikkettar ta’ ikel li fih kuluri ta’ l-ikel imniżżla fl-Anness V għal dan ir-Regolament għandu jinkludi l-informazzjoni addizzjonali stabbilita f’dak l-Anness.

2. F’relazzjoni ma’ l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2000/13/KE għandu japplika kif meħtieġ.

3. Fejn meħtieġ, bħala riżultat tal-progress xjentifiku jew ta’ żvilupp tekniku l-Anness V għandu jkun emendat b’miżuri li huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

Artikolu 25

Ħtiġiet oħrajn tat-tikkettar

L-Artikoli 21, 22, 23 u 24 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi aktar dettaljati jew aktar estensivi rigward il-piżijiet u l-miżuri jew li japplikaw għall-preżentazzjoni, il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettar ta’ sustanzi u preparati perikoluż jew li japplikaw għat-trasport ta’ tali sustanzi u preparazzjonijiet.

▼B

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI U IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 26

Obbligu ta' l-informazzjoni

1. Produttur jew utent ta' addittiv ta' l-ikel għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida li tista' taffettwa l-valutazzjoni tas-sigurtà ta' l-addittiv ta' l-ikel.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, produttur jew utent ta' addittiv ta' l-ikel għandu jinformaha dwar l-użu effettiv ta' l-addittiv ta' l-ikel. Tali informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-Istati Membri mill-Kummissjoni.

Artikolu 27

Monitoraġġ tal-konsum ta' l-addittiv ta' l-ikel

1. L-Istati Membri għandhom iżommu sistemi għall-monitoraġġ tal-konsum u l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju u għandhom jirrapportaw is-sejbiet tagħhom bi frekwenza adatta lill-Kummissjoni u lill-Awtorità.

2. Skond il-proċedura regolatorja imsemmija fl-Artikolu 28(2), wara li l-Awtorità tkun ġiet ikkonsultata, tista' tiġi adottata metodoloġija komuni biex tinġabar informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-konsum fid-dieta ta' l-addittivi ta' l-ikel fil-Komunità.

Artikolu 28

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(b) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 5a(3)(c) u (4)(b) u (e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu xahrejn, xahrejn u 4 xhur rispettivament.

Artikolu 29

Finanzjament Komunitarju tal-politika armonizzata

Il-bażi legali għall-finanzjament tal-miżuri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament hija l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

▼B

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Artikolu 30

Stabbiliment tal-listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. L-addittivi ta' l-ikel li huma permessi għall-użu fl-ikel taħt id-Direttivi 94/35/KE, 94/36/KE u 95/2/KE, kif emendati abbażi ta' l-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom għandhom jiġu inklużi fl-Anness II għar-Regolament preżenti wara reviżjoni tal-konformità tagħhom ma' l-Artikoli 6, 7 u 8 tiegħu. Il-miżuri relatati ma' l-inklużjoni ta' tali addittivi fl-Anness II, li huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4). Ir-reviżjoni m'għandiex tinkludi valutazzjoni tar-riskju ġdida mill-Awtorità. Ir-reviżjoni għandha titwettaq sa l-20 ta' Jannar 2011.

Additivi u użi ta' l-ikel li mhumiex iżjed meħtieġa m'għandhomx jiddaħħlu fl-Anness II.

2. L-addittivi ta' l-ikel li huma awtorizzati għall-użu fl-addittivi ta' l-ikel fid-Direttiva 95/2/KE u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-Parti I ta' l-Anness III, ta' dan ir-Regolament wara reviżjoni tal-konformità tagħhom ma' l-Artikolu 6 tiegħu. Il-miżuri relatati ma' l-inklużjoni ta' tali addittivi fl-Anness III, li huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4). Ir-reviżjoni m'għandiex tinkludi valutazzjoni tar-riskju ġdida mill-Awtorità. Ir-reviżjoni għandha titwettaq sa l-20 ta' Jannar 2011.

Additivi u użi ta' l-ikel li mhumiex iżjed meħtieġa m'għandhomx jiddaħħlu fl-Anness III.

3. L-addittivi ta' l-ikel li huma awtorizzati għall-użu fl-aromatizzanti ta' l-ikel fid-Direttiva 95/2/KE u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-Parti 4 ta' l-Anness III, ta' dan ir-Regolament wara reviżjoni tal-konformità tagħhom ma' l-Artikolu 6 tiegħu. Il-miżuri relatati ma' l-inklużjoni ta' tali addittivi fl-Anness III, li huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4). Ir-reviżjoni m'għandiex tinkludi valutazzjoni tar-riskju ġdida mill-Awtorità. Ir-reviżjoni għandha titwettaq sa l-20 ta' Jannar 2011.

Additivi u użi ta' l-ikel li mhumiex iżjed meħtieġa m'għandhomx jiddaħħlu fl-Anness III.

4. L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-addittivi ta' l-ikel li huma koperti taħt il-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-aromatizzanti ta' l-ikel], fil-mument li dawk l-addittivi ta' l-ikel jiġu inklużi fl-Annessi skond dawk il-paragrafi.

5. Il-miżuri relatati ma' kwalunkwe miżura transitorja xierqa, li huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3).

▼B

Artikolu 31

Miżuri tranżitorji

Sakemm jitlesta l-istabbiliment tal-listi Komunitarji ta' l-additttivi ta' l-ikel kif previst fl-Artikolu 30, l-Annessi għad-Direttivi 94/35/KE, 94/36/KE u 95/2/KE għandhom jiġu emendati fejn meħtieġ, b'miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dawk id-Direttivi, adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

L-ikel li tqiegħed fis-suq jew ġie ttikkettat qabel l-20 ta' Jannar 2010 li ma jikkonformax ma' l-Artikolu 22(1)(i) (4) jista' jiġi kkumerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta jista' jintuża l-aħħar.

L-ikel li tqiegħed fis-suq jew ġie ttikkettat qabel l-20 ta' Lulju 2010 li ma jikkonformax ma' l-Artikolu 24 jista' jiġi kkumerċjalizzat sad-data ta' durabilità minima tiegħu jew sad-data li fiha jista' jintuża l-aħħar.

Artikolu 32

Evalwazzjoni mill-ġdid ta' l-additttivi ta' l-ikel approvati

1. L-additttivi ta' l-ikel li kienu permessi qabel l-20 ta' Jannar 2009 għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ta' riskju ġdida li titwettaq mill-Awtorità.

2. Wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, għandu jiġi adottat programm ta' evalwazzjoni għal dawk l-additttivi sa l-20 ta' Jannar 2010, skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 28(2). Il-programm ta' evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 33

Revoki

1. L-atti li ġejjin għandhom jiġu revokati:

(a) Id-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-materjal tal-kulur awtorizzat għall-użu fl-ikel u maħsub għall-użu mill-bniedem;

(b) Id-Direttiva 65/66/KEE;

(ċ) Id-Direttiva 78/663/KEE;

(d) Id-Direttiva 78/664/KEE;

(e) Id-Direttiva 81/712/KEE;

(f) Id-Direttiva 89/107/KEE;

(g) Id-Direttiva 94/35/KE;

(h) Id-Direttiva 94/36/KE;

(i) Id-Direttiva 95/2/KE;

(j) Id-Deċiżjoni Nru 292/97/KE;

(k) Id-Decizjoni 2002/247/KE.

2. Ir-referenzi għall-atti rrevokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 34

Dispożizzjonijiet transitorji

B'deroga mill-Artikolu 33, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom ikomplu japplikaw sa meta jitlesta t-trasferiment taħt l-Artikolu 30 (1), (2) u (3) ta' dan ir-Regolament ta' l-addittivi ta' l-ikel diġà permessi fid-Direttivi 94/35/KE, 94/36/KE u 95/2/KE:

(a) L-Artikolu 2 (1), (2) u (4) tad-Direttiva 94/35/KE u l-Anness għaliha;

(b) L-Artikolu 2(1) sa (6), (8), (9) u (10) tad-Direttiva 94/36/KE u l-Annessi I sa V għaliha;

(ċ) L-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 95/2/KE u l-Annessi I sa VI għaliha.

Minkejja l-punt (c), l-awtorizzazzjonijiet għall-E 1103 Invertase u l-E 1105 Lysozyme stabbiliti fid-Direttiva 95/2/KE huma revokati b'effett mid-data ta' applikazzjoni tal-lista Komunitarja dwar l-enżimi ta' l-ikel skond l-Artikolu 17 ta'Regolament (KE) Nru 1332/2008 [dwar enżimi fl-ikel]

Artikolu 35

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-20 ta' Jannar 2010.

Madankollu, l-Artikolu 4(2) għandu japplika għall-Partijiet 2, 3 u 5 ta' l-Anness III mill-1 ta' Jannar 2011 u l-Artikolu 23(4) għandu japplika mill-20 ta' Jannar 2011. L-Artikolu 24 għandu japplika mill-20 ta' Lulju 2010. L-Artikolu 31 għandu japplika mill-20 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Il-klassijiet funzjonali ta' l-addittivi ta' l-ikel fl-ikel u ta' l-addittivi ta' l-ikel fl-addittivi ta' l-ikel u fl-enżimi ta' l-ikel

1. "sustanzi li jagħtu l-ħlewwa" huma sustanzi użati biex jagħtu togħma ħelwa lill-ikel jew f'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda.

2. "kuluri" huma sustanzi li jżidu jew jerġgħu jagħtu l-kulur fl-ikel, u jinkludu kostitwenti naturali ta' l-ikel u sorsi naturali li normalment ma jkunux ikkonsmati bħala ikel u li normalment ma jintużawx bħala ingredjenti karatteristiċi ta' l-ikel. Il-preparati li jinkisbu mill-ikel u minn materjali oħrajn li jittieklu ġejjin minn sorsi naturali li jinkisbu mill-estrazzjoni fiżika u/jew kimika li tirriżulta f'estrazzjoni selettiva tal-pigmenti relattiva għall-kostitwenti nutrittivi jew aromatiċi, huma kuluri fit-tifsira ta' dan ir-Regolament.

3. "preservattivi" huma sustanzi li jżidu t-tul ta' zmien qabel jiskadi l-ikel billi jipproteġuh kontra d-deterjorazzjoni kkawżata mill-mikro-organiżmi u/jew li jipproteġu kontra l-iżvilupp ta' mikro-organiżmi patoġeniċi;

4. "antiossidanti" huma sustanzi li jtawlu l-perjodu ta' qabel l-iskadenza ta' l-ikel billi jipproteġuh mid-deterjorazzjoni kkawżata mill-ossidazzjoni, bħal snuħija tax-xaħam u tibdiliet fil-kulur;

5. "aġenti veikoli" huma sustanzi li jintużaw għat-taħlil, id-dilwizzjoni, it-tixrid jew il-modifikazzjoni fiżika b'xi mod ieħor ta' addittiv ta' l-ikel jew aromatizzanti, enzima ta' l-ikel, nutrijent u/jew sustanzi oħra miżjuda għal finijiet nutrittivi jew fisjoloġiċi għal ikel mingħajr ma jbiddlu l-funzjoni tiegħu (u mingħajr ma jeżerċitaw l-ebda effett teknoloġiku huma nfushom) sabiex jiffaċilitaw l-immaniġġjar, l-applikazzjoni jew l-użu tiegħu;

6. "aċidi" huma sustanzi li jżidu l-aċidità ta' oġġett ta' l-ikel u/jew jagħtuh togħma qarsa;

7. "regolaturi ta' l-aċidità" huma sustanzi li jbiddlu jew jikkontrollaw l-aċidità jew l-alkalinità ta' oġġett ta' l-ikel;

8. "aġenti ta' kontra t-tagħqid" huma sustanzi li jnaqqsu t-tendenza tal-partiċelli individwali ta' oġġett ta' l-ikel milli jeħlu ma' xulxin;

9. "aġenti għal kontra r-ragħwa" huma sustanzi li jipprevjenu jew inaqqsu r-ragħwa;

10. "aġenti li jagħtu l-massa" huma sustanzi li jikkontribwixxu għall-volum ta' oġġett ta' l-ikel mingħajr ma jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-valur ta' l-enerġija disponibbli tiegħu;

11. "emulsjonanti" huma sustanzi li jagħmluha possibbli li tkun ifformata jew li tinżamm taħlita omoġenja ta' żewġ fażijiet jew iktar li ma jitħalltux bħaż-żejt u l-ilma f'oġġett ta' l-ikel;

12. "melħ emulsifikat" huma sustanzi li jaqilbu l-proteini fil-ġobon f'forma mxerrda, u b'hekk ikun hemm distribuzzjoni omoġenja ta' xaħam u komponenti oħra;

13. "aġenti li jissodaw" huma sustanzi li jagħmlu jew iżommu t-tessuti tal-frott jew tal-ħaxix sodi jew iqarmċu, jew jinteraġixxu ma' aġenti li jgħaqqdu biex jipproduċu jew isaħħu ġel;

14. "sustanzi li jtejbu l-aroma" huma sustanzi li jtejbu t-togħma u/jew ir-riħa eżistenti ta' oġġett ta' l-ikel;

15. "aġenti li jagħmlu r-ragħwa" huma sustanzi li jagħmluha possibbli li jkun ifformat tixrid omoġenju ta' faži gassuża f'oġġett ta' l-ikel likwidu jew solidu;

▼B

16. “aġenti li jgħaqqdu” huma sustanzi li jagħtu lill-oġġett ta’ l-ikel konsistenza bil-formazzjoni ta’ ġel;

17. “aġenti għall-igglejżjar” (inklużi lubrikanti) huma sustanzi li, meta jkunu applikati lill-uċuħ esterni ta’ oġġett ta’ l-ikel, jagħtu dehra tleqq jew jipprovdu kisja protettiva;

18. “humectants” huma sustanzi li ma jħallux l-ikel jinxef billi jopponu l-effett ta’ atmosfera li għandha grad baxx ta’ umditá, jew jippromwovu t-taħlil ta’ trab f’mezz milwiem;

19. “lamti modifikati” huma sustanzi miksuba permezz ta’ trattament kimiku wieħed jew aktar ta’ lamti li jittieklu, li setgħu għaddew minn trattament fiżiku jew enzimatiku, u li jistgħu jkunu mraqqa jew ibbliċjati b’aċidu jew b’alkali;

20. “gassijiet ta’ l-ippakkjar” huma gassijiet għajr l-arja, li jiġu introdotti f’kontenitur qabel, matul jew wara t-tqegħid ta’ oġġett ta’ l-ikel f’dak il-kontenitur;

21. “propellanti” huma gassijiet għajr l-arja li jixħtu ‘il barra oġġett ta’ l-ikel minn kontenitur;

22. “aġenti li jgħollu” huma sustanzi jew taħlit ta’ sustanzi li jilliberaw gass u b’hekk iżidu l-volum ta’ għaġina jew ta’ taħlita ta’ dqiq, bajd ecc.;

23. “sekwestranti” huma sustanzi li jifformaw komplessi kimiċi b’jonji metalliċi;

24. “stabilizzaturi” huma sustanzi li jagħmluha possibbli li jinżamm l-istat fiżiku-kimiku ta’ oġġett ta’ l-ikel; l-istabbilizzaturi jinkludu sustanzi li jippermettu li jinżamm tixrid omoġenju ta’ żewġ sustanzi jew aktar li ma jitħalltux f’oġġett ta’ l-ikel, sustanzi li jistabbilizzaw, iżommu jew intensifikaw kulur eżistenti ta’ oġġett ta’ l-ikel, u sustanzi li jżidu l-kapaċità ta’ taqħqid ta’ l-ikel, inkluża l-formazzjoni ta’ rabtiet bejn il-proteini li jippermettu t-tagħqid ta’ biċċiet ta’ l-ikel f’ikel rikostitwit.

25. “sustanzi li jħaxxnu” huma sustanzi li jkabbru l-viskożità ta’ oġġett ta’ l-ikel;

26. “sustanzi li jittrattaw id-dqiq” huma sustanzi, għajr għall-emulsjonanti, li jiġu miżjuda mad-dqiq jew ma’ l-għaġina sabiex itejbu l-kwalità tal-ħami tiegħu;

▼M24

27. “sustanzi li jintensifikaw il-kuntrast” huma sustanzi li, meta applikati fuq il-wiċċ estern tal-frott jew tal-ħaxix wara t-tneħħija tal-pigment minn partijiet iddefiniti minn qabel (pereżempju bit-trattament bil-lejżer), jgħinu fid-distinzjoni bejn dawn il-partijiet mill-bqija tal-wiċċ billi jagħtu l-kulur wara l-interazzjoni ma’ xi komponenti tal-epidermide.

▼M2

ANNESS II

Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu

PARTI A

1. **Introduzzjoni**

Din il-lista tal-Unjoni tinkludi:

— l-isem tal-addittiv tal-ikel u n-numru E tiegħu;

— l-ikel li miegħu jista' jiġi miżjud l-addittiv tal-ikel;

— il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-addittiv tal-ikel;

— ir-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ tal-addittiv tal-ikel lill-konsumatur aħħari.

2. **Dispożizzjonijiet ġenerali fuq l-addittivi tal-ikel elenkati u l-kundizzjonijiet tal-użu**

1. Is-sustanzi elenkati fil-Parti B biss jistgħu jintużaw bħala addittivi fl-ikel.

2. L-addittivi jistgħu jintużaw biss fl-ikel u skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti E ta' dan l-Anness.

3. Fil-Parti E ta' dan l-Anness, l-ikel hu elenkat fuq il-bażi tal-kategoriji tal-ikel stipulati fil-Parti D ta' dan l-Anness u l-addittivi huma raggruppati fuq il-bażi tad-definizzjonijiet stipulati fil-Parti C ta' dan l-Anness.

▼M6

4. Il-koloranti tal-aluminju ppreparati mill-kuluri kollha elenkati fit-Tabella 1 tal-Parti B huma awtorizzati sal-31 ta' Lulju 2014.

Mill-1 ta' Awwissu 2014, il-koloranti tal-aluminju ippreparati mill-kuluri elenkati fit-Tabella 3 ta' din il-Parti A biss huma awtorizzati u biss f'dawk il-kategoriji ta' ikel fejn id-dispożizzjonijiet fuq il-limiti massimi fuq l-aluminju li ġejjin mill-koloranti huma espliċitament ddikjarati fil-Parti E.

▼M2

5. Il-kuluri E 123, E 127, E 160b, E 173 u E 180, ma jistgħux jinbiegħu direttament lill-konsumatur.

6. Is-sustanzi elenkati taħt in-numri E 407, E 407a u E 440 jistgħu jiġu standardizzati maz-zokkor, bil-kundizzjoni li dan jiġi ddikjarat flimkien man-numru u d-dežinjazzjoni.

7. Meta jkun ittikkettat "għall-użu fl-ikel", in-nitrit jista' jinbiegħ biss f'taħlita mal-melħ jew sostitut tal-melħ.

8. Il-prinċipju ta' trasferiment stipulat fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ma għandux japplika għall-ikel elenkat fit-Tabella 1, fir-rigward tal-addittivi tal-ikel b'mod ġenerali, u fit-Tabella 2, fir-rigward tal-koloranti tal-ikel.

Tabella 1

Ikel li fih ma tistax tiġi awtorizzata l-preżenza ta' addittiv permezz tal-prinċipju ta' trasferiment stipulat fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008

1	Ikel mhux ipproċessat kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008
2	Għasel kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE ([1])
3	Żjut u xaħmijiet mhux emulsjonati li ġejjin mill-annimali jew mill-ħaxix

▼M2

4	Butir
5	Ħalib mhux mogħti t-togħma, pasturizzat u sterilizzat (inkluż UHT) u krema naturali pasturizzata mhux mogħtija t-togħma (għajr krema b'kontenut imnaqqas ta' xaħam)
6	Prodotti tal-ħalib iffermentati mhux mogħtija t-togħma, mhux trattati bis-sħana wara l-fermentazzjoni
7	Xorrox tal-butir mhux mogħti t-togħma (għajr xorrox tal-butir sterilizzat)
8	Ilma minerali naturali, kif definit fid-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill ([2]) u ilma tan-nixxiegħa u l-ilmijiet l-oħra kollha fi fliexken jew ippakkjati
9	Kafè (għajr kafè li jinħall (instant coffee) mogħti t-togħma) u estratt tal-kafè
10	Weraq tat-te mhux mogħtija t-togħma
11	Zokkor kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE ([3])
12	Għaġin niexef, għajr għaġin mingħajr glutina u/jew għaġin maħsub għal dieti ipoprotejċi, skont id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([1]) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.
([2]) ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45.
([3]) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 53.
([4]) ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.

Tabella 2

Ikel li fih ma tistax tiġi awtorizzata l-preżenza ta' kolorant tal-ikel permezz tal-prinċipju ta' trasferiment stipulat fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008

1	Ikel mhux ipproċessat kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008
2	L-ilma kollu fil-fliexken jew ippakkjat
3	Ħalib bix-xaħam kollu, nofsu xkumat u ħalib xkumat, pasturizzat jew sterilizzat (inkluża l-isterilizzazzjoni UHT) (mhux mogħti t-togħma)
4	Ħalib biċ-ċikkulata
5	Ħalib iffermentat (mhux mogħti t-togħma)
6	Ħalib ippreżervat kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/114/KE ([1]) (mhux mogħti t-togħma)
7	Xorrox tal-butir (mhux mogħti t-togħma)
8	Krema u trab tal-krema (mhux mogħtija t-togħma)
9	Żjut u xaħmijiet li ġejjin mill-annimali jew mill-ħaxix
10	Ġobon misjur u mhux misjur (mhux mogħti t-togħma)

▼M2

11	Butir minn ħalib tan-nagħaġ u tal-mogħoż
12	Bajd u prodotti tal-bajd kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004
13	Dqiq u prodotti oħra mitħuna u lamti
14	Ħobż u prodotti simili
15	Għaġin u njokki
16	Zokkor, inklużi l-mono u d-dissakkaridi kollha
17	Kunserva tat-tadam u tadam fil-bott u fil-flixkun
18	Zlazi tat-tadam
19	Meraq tal-frott u nektar tal-frott kif imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE (2) u meraq tal-ħaxix u nektar tal-ħaxix
20	Frott, ħaxix (inkluża l-patata) u faqqiegħ — fil-bott, fil-flixkun jew imnixxef; frott, ħaxix (inkluża l-patata) u faqqiegħ ipproċessati
21	Ġamm ekstra, ġelatina ekstra, u purè tal-qastan kif msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/113/KE (3); crème de pruneaux
22	Ħut, molluski u krustaċej, laħam, tjur u selvaġġina kif ukoll il-preparazzjonijiet tagħhom, iżda ma jinkludux ikliet ippreparati li fihom dawn l-ingredjenti
23	Prodotti tal-kawkaw u komponenti taċ-ċikkulata fi prodotti taċ-ċikkulata kif imsemmija fid-Direttiva 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (4)
24	Kafè inkaljat, te, infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, ċikwejra; estratti tat-te u infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott u taċ-ċikwejra; preparazzjonijiet tat-tè, infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott u ċereali għall-infużjoni, kif ukoll taħlitiet u taħlitiet istantanji ta' dawn il-prodotti
25	Melħ, sostituti tal-melħ, ħwawar u taħlit tal-ħwawar
26	Inbid u prodotti oħra koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (5), kif elenkat fl-Anness I, Parti XII tiegħu
27	Spirti definiti fl-Anness II, paragrafi 1-14 tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (6), spirti (preċeduti mill-isem tal-frott) miksuba permezz tal-maċerazzjoni u d-distillazzjoni u l-London gin (l-Anness II, paragrafi 16 u 22 rispettivament) Sambuca, Maraschino, Marrasquino jew Maraskino u Mistrà kif definiti fl-Anness II, paragrafi 38, 39 u 43 tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, rispettivament
28	Sangria, Clarea u Zurra kif imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (7)
29	Ħall tal-inbid kopert mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif elenkat fl-Anness I, Parti XII tiegħu
30	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar kif imsemmi fid-Direttiva 2009/39/KE inkluż l-ikel għal finijiet mediċi speċjali għat-trabi u għat-tfal żgħar

▼M2

31	Għasel kif definit fid-Direttiva 2001/110/KE
32	Xgħir u prodotti tax-xgħir

(1) ĠU L 15, 17.1.2002, p. 19.
(2) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.
(3) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 67.
(4) ĠU L 197, 3.8.2000, p. 19.
(5) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(6) ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.
(7) ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1.

▼M6

Tabella 3

Kuluri li jistgħu jintużaw fil-forma ta' koloranti

Numru E	Isem
E 100	Kurkumina
E 102	Tartrażina
E 104	Isfar Kinolina
E 110	Isfar kulur Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S
E 120	Kuċċinilja, Aċidu Karminiku, Karminji
E 122	Ażorubina, Karmojżina
E 123	Amarinta
E 124	Ponceau 4R, Aħmar A
E 127	Eritrosina
E 129	Aħmar Allura AC
E 131	Blu Patentat V
E 132	Indigotina, Karminju indigo
E 133	Blu Brillanti FCF
E 141	Komposti tar-ram tal-klorofilli, u klorofillini
E 142	Aħdar S
E 151	Iswed Brillanti BN, Iswed PN
E 155	Kannella HT
E 163	Antoċjani
E 180	Litolrubina BK

▼M2

PARTI B

LISTA TAL-ADDITTIVI KOLLHA

1. **Kuluri**

Numru E	Isem
E 100	Kurkumina
E 101	Riboflavini
E 102	Tartrażina
E 104	Isfar tal-Kinolina
E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Orangjo S
E 120	Koċineal, Aċidu Karminiku, Karminji
E 122	Ażorubina, Karmojżina
E 123	Amarinta
E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A
E 127	Eritrosina
E 129	Aħmar Allura AC
E 131	Blu Patentat V
E 132	Indigotina, Karminju indigo
E 133	Blu Brillanti FCF
E 140	Klorofilli u Klorofillini
E 141	Komposti tar-ram tal-klorofilli, klorofillini
E 142	Aħdar S
E 150a	Karamella ordinarja ([1])
E 150b	Karamella tas-sulfit kawstiku
E 150c	Karamelli tal-ammonja
E 150d	Karamella tal-ammonja tas-sulfit
E 151	Iswed Brillanti BN, Iswed PN
E 153	Karbonju veġetali
E 155	Kannella HT
E 160a	Karoteni
E 160b	Annatto, Bissina, Norbissina
E 160c	Estratt tal-paprika, kapsantin, kapsorubin
E 160d	Likopene
E 160e	Beta-apo-8'- karotenal (C 30)
E 161b	Lutejna

▼M2

Numru E	Isem
E 161g	Kantażantina (*)
E 162	Aħmar kulur il-pitravi, betanin
E 163	Antoċjani
E 170	Karbonat tal-kalċju
E 171	Diossidu tat-titanju
E 172	Ossidi u idrossidi tal-ħadid
E 173	Aluminju
E 174	Fidda
E 175	Deheb
E 180	Litolrubina BK

([1]) It-terminu karamella hu marbut mal-prodotti ta' kulur kannella ftit jew wisq intens li huma maħsuba għas-sustanzi koloranti. Dan ma jikkorrispondix għall-prodott aromatiku u biz-zokkor miksub billi jissaħħan iz-zokkor u li jintuża biex tiżdied it-togħma mal-ikel (eż. dolċerija, għaġina, xorb alkoħoliku).

(*) Kantażantina mhijiex awtorizzata fil-kategoriji tal-ikel elenkati fil-Parti D u E. Is-sustanza tinsab fil-lista B1 għax tintuża fil-prodotti mediċinali skont id-Direttiva 2009/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. **Sustanzi li jagħtu l-ħlewwa**

Numru E	Isem
E 420	Sorbitoli
E 421	Mannitol
E 950	Aċesulfam K
E 951	Aspartame
E 952	Ċiklamati
E 953	Isomalt
E 954	Sakkarina
E 955	Sukraloża
E 957	Tawmatina
E 959	Neoesperidina DC

▼M4

E 960	Glikosidi tal-istevjol

▼M2

E 961	Neotame
E 962	Melħ tal-aspartame aċesulfam

▼M13

E 964	Xiropp poliġliċitol

▼M2

E 965	Maltitoli

▼M2

Numru E	Isem
E 966	Lattitol
E 967	Silitol
E 968	Eritritol

3. **Addittivi għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa**

Numru E	Isem
E 170	Karbonat tal-kalċju
▼M24 E 172	Ossidi u idrossidi tal-ħadid
▼M2 E 200	Aċidu sorbiku
E 202	Sorbat tal-potassju
E 203	Sorbat tal-kalċju
E 210	Aċidu benżojku ([1])
E 211	Benżoat tas-sodju ([1])
E 212	Benżoat tal-potassju ([1])
E 213	Benżoat tal-kalċju ([1])
E 214	Etil p-idrossibenżoat
E 215	Sodju etil p-idrossibenżoat
E 218	Metil p-idrossibenżoat
E 219	Sodju metil p-idrossibenżoat
E 220	Diossidu tal-kubrit
E 221	Sulfit tas-sodju
E 222	Sulfit tas-sodju idroġenu
E 223	Metabisulfat tas-sodju
E 224	Metabisulfat tal-potassju
E 226	Sulfit tal-kalċju
E 227	Sulfit tal-kalċju idroġenu
E 228	Sulfit tal-potassju idroġenu
E 234	Nisina
E 235	Natamiċina
E 239	Tetramin tal-eżametilene
E 242	Dimetildikarbonat
E 249	Nitrit tal-potassju

▼M2

Numru E	Isem
E 250	Nitrit tas-sodju
E 251	Nitrat tas-sodju
E 252	Nitrat tal-potassju
E 260	Aċidu aċetiku
▼M19 E 261	Aċetati tal-potassju ([4])
▼M2 E 262	Aċitati tas-sodju
E 263	Aċitat tal-kalċju
E 270	Aċidu lattiku
E 280	Aċidu propjoniku
E 281	Propjonat tas-sodju
E 282	Propjonat tal-kalċju
E 283	Propjonat tal-potassju
E 284	Aċidu boriku
E 285	Tetraborat tas-sodju (borassi)
E 290	Diossidu tal-karbonju
E 296	Aċidu tat-tuffieħ
E 297	Aċidu fumariku
E 300	Aċidu assorbiku
E 301	Assorbat tas-sodju
E 302	Assorbat tal-kalċju
E 304	Esteri tal-aċidi xaħmin ta' aċidu assorbiku
E 306	Estratt rikk fit-tokoferol
E 307	Alfatokoferol
E 308	Gammatokoferol
E 309	Deltatokoferol
E 310	Gallat tal-propil
E 311	Gallat tal-ottil
E 312	Gallat tad-dodeċil
E 315	Aċidu eritorbiku
E 316	Eritorbat tas-sodju

▼M2

Numru E	Isem
E 319	“Butil idrokinone” terzjarju (TBHQ)
E 320	Idrossianisol butilat (BHA)
E 321	Butilidrossitoluwen (BHT)
E 322	Leċitini
E 325	Lattat tas-sodju
E 326	Lattat tal-potassju
E 327	Lattat tal-kalċju
E 330	Aċidu ċitriku
E 331	Ċitrati tas-sodju
E 332	Ċitrati tal-potassju
E 333	Ċitrati tal-kalċju
E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)
E 335	Tartrati tas-sodju
E 336	Tartrati tal-potassju
E 337	Tartrat tal-potassju u s-sodju
E 338	Aċidu fosforiku
E 339	Fosfati tas-sodju
E 340	Fosfati tal-potassju
E 341	Forfati tal-kalċju
E 343	Fosfati tal-manjeżju
E 350	Malati tas-sodju
E 351	Malat tal-potassju
E 352	Malati tal-kalċju
E 353	Aċidu metatartariku
E 354	Tartrat tal-kalċju
E 355	Aċidu adipiku
E 356	Adipat tas-sodju
E 357	Adipat tal-potassju
E 363	Aċidu suċċiniku
E 380	Ċitrat tat-triammonju

▼M2

Numru E	Isem
E 385	Etilendiamminatetraaċitat tal-kalċju disodiku (EDTA tal-kalċju disodiku)
E 392	Estratti tal-klin
E 400	Aċidu alġiniku
E 401	Alġinat tas-sodju
E 402	Alġinat tal-potassju
E 403	Alġinat tal-ammonju
E 404	Alġinat tal-kalċju
E 405	Propan-1, 2-diol alġinat
E 406	Agar
E 407a	Ħaxixa tal-baħar eucheuma pproċessata
E 407	Karraġenina
E 410	Gomma tal-ħarrub
E 412	Gomma tal-gwar
E 413	Tragakanti
E 414	Gomma arabika (gomma tal-akaċja)
E 415	Gomma Xanthan
E 416	Gomma Karaya
E 417	Gomma Tara
E 418	Gomma Gellan
E 422	Gliċerol
▼M29	
E 423	gomma Għarbija modifikata b'aċidu Ottenilsuċċiniku
▼M2	
E 425	Konjac
E 426	Emiċelluloża tal-sojja
E 427	Gomma Cassia
E 431	Stearat tal-poliossietilen (40)
E 432	Monlawrat tal-poliossietilensorbitan (polisorbat 20)
E 433	Monooleat tal-poliossietilensorbitan (polisorbat 80)
E 434	Monopalmitat tal-poliossietilensorbitan (polisorbat 40)
E 435	Monostearat tal-poliossietilensorbitan (polisorbat 60)
E 436	Tristearat tal-poliossietilensorbitan (polisorbat 65)
E 440	Pektini

▼M2

Numru E	Isem
E 442	Fosfaturi tal-ammonju
E 444	Aċitat isobutirrat tas-sukrożju
E 445	Esteri tal-gliċerol tar-raża tal-injam
E 450	Difosfati
E 451	Trifosfati
E 452	Polifosfati
E 459	Betaċiklodestrin
E 460	Ċelluloża
E 461	Ċelluloża tal-metil
E 462	Ċelluloża tal-etil
E 463	Ċelluloża idrossipropilata
E 464	Ċelluloża tal-metil idrosiipropil
E 465	Etilmetilċelluloża
E 466	Karbossimetilċelluloża, karbossimetilċelluloża tas-sodju, gomma taċ-ċelluloża
E 468	Karbossimetilċelluloża tas-sodju retikolata, gomma taċ-ċelluloża retikolata
E 469	Karbossimetilċelluloża idrolizzata b'mod enżimatiku, gomma taċ-ċelluloża idrolizzata b'mod enżimatiku
E 470a	Imluħa tas-sodju, potassju u kalċju tal-aċidi xaħmin
E 470b	Imluħa tal-manjeżju tal-aċidi xaħmin
E 471	Mono- u digliċeridi ta' aċidi xaħmin
E 472a	Esteri tal-aċidu aċetiku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472b	Esteri tal-aċidu lattiku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472c	Esteri tal-aċidu ċitriku ta' mono- u digliċeridi ta' aċidi xaħmin
E 472d	Esteri tal-aċidu tartariku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E472e	Esteri mono u dijacetil tal-aċidu tartariku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 472f	Esteri mħallta tal-aċidu aċetiku u tartariku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin
E 473	Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin
E 474	Sukrogliċeruri
E 475	Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin

▼M2

Numru E	Isem
E 476	Poliriċinoleat tal-poligliċerol
E 477	Esteri tal-Propan-1,2-diol tal-aċidi xaħmin
E 479b	Żejt tas-sojja ossidizzat b'mod termali mħallat ma' mono- u digliċeruri tal-aċidi xaħmin
E 481	Stearojl-2-lattilat tas-sodju
E 482	Stearojl-2-lattilat tal-kalċju
E 483	Tartrat tal-istearil
E 491	Monostearat tas-sorbitan
E 492	Tristearat tas-sorbitan
E 493	Monolawrat tas-sorbitan
E 494	Monooleat tas-sorbitan
E 495	Monopalmitat tas-sorbitan

▼M27

E 499	Steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli

▼M2

E 500	Karbonati tas-sodju
E 501	Karbonati tal-potassju
E 503	Karbonati tal-ammonju
E 504	Karbonati tal-manjeżju
E 507	Aċidu idrokloriku
E 508	Klorur tal-potassju
E 509	Klorur tal-kalċju
E 511	Klorur tal-manjeżju
E 512	Klorur stannuż
E 513	Aċidu sulfuriku
E 514	Sulfati tas-sodju
E 515	Sulfati tal-potassju
E 516	Sulfat tal-kalċju
E 517	Sulfat tal-ammonju
E 520	Sulfat tal-aluminju
E 521	Sulfat tas-sodju tal-aluminju
E 522	Sulfat tal-potassju tal-aluminju
E 523	Sulfat tal-ammonju tal-aluminju
E 524	Idrossidu tas-sodju

▼M2

Numru E	Isem
E 525	Idrossidu tal-potassju
E 526	Idrossidu tal-kalċju
E 527	Idrossidu tal-ammonju
E 528	Idrossidu tal-manjeżju
E 529	Ossidu tal-kalċju
E 530	Ossidu tal-manjeżju
E 535	Ferroċjanur tas-sodju
E 536	Ferroċjanur tal-potassju
E 538	Ferroċjanur tal-kalċju
E 541	Fosfat aċidu tal-sodju u l-aluminju
E 551	Diossidu tas-siliċju
E 552	Silikat tal-kalċju
E 553a	Silikat tal-manjeżju
E 553b	Terra
E 554	Silikat tas-sodju tal-aluminju
E 555	Silikat tal-potassju tal-aluminju

▼M6

E 556	Silikat tal-kalċju tal-aluminju [2]
E 558	Bentonite [3]
E 559	Silikat tal-aluminju (Kaolin) [2]

▼M2

E 570	Aċidi xaħmin
E 574	Aċidu glukoniku
E 575	Glukonodeltalatton
E 576	Glukonat tas-sodju
E 577	Glukonat tal-potassju
E 578	Glukonat tal-kalċju
E 579	Glukonat ferruż
E 585	Lattat ferruż
E 586	4-Eżilreżorċinol
E 620	Aċidu glutamiku
E 621	Glutamat tal-monosodju

▼M2

Numru E	Isem
E 622	Glutamat tal-monopotassju
E 623	Diglutamat tal-kalċju
E 624	Glutamat tal-monoammonju
E 625	Diglutamat tal-manjeżju
E 626	Aċidu gwaniliku
E 627	Gwanilat tad-disodju
E 628	Gwanilat tad-dipotassju
E 629	Gwanilat tal-kalċju
E 630	Aċidu inosiniku
E 631	Inosinat tad-disodju
E 632	Inosinat tad-dipotassju
E 633	Inosinat tal-kalċju
E 634	Kalċju 5'-ribonukleotidi
E 635	Disodju 5'-ribonukleotidi
E 640	Gliċina u l-imluħa tas-sodju tiegħu
E 650	Aċitat taż-żingu
E 900	Dimetilpolisilossan
E 901	Xama' tan-naħal, abjad u isfar
E 902	Xama' tal-kandelilla
E 903	Xama' tal-karnawba
E 904	Xellak
E 905	Xama' mikrokristallina
E 907	Idroġenat poli -1-deċen
E 912	Ester tal-aċidu montaniku
E 914	Xama' ta' polietilin ossidizzat
E 920	L-ċistejna
E 927b	Karbammid
E 938	Argon
E 939	Elju
E 941	Nitroġenu

▼M2

Numru E	Isem
E 942	Ossidu nitruż
E 943a	Butan
E 943b	Isobutan
E 944	Propan
E 948	Ossiġnu
E 949	Idroġenu
E 999	Estratt Quillaia
E 1103	Invertaži
E 1105	Lisożima
E 1200	Polidestrożju
E 1201	Polivinilpirrolidon
E 1202	Polivinilpolipirrolidon
E 1203	Alkoħol tal-polivinil (PVA)
E 1204	Pullulan
E 1205	Koplimer metakrilat bażiku
▼M28	
E 1206	Koplimeru tal-metakrilat newtrali
E 1207	Koplimeru tal-metakrilat anjoniku
▼M2	
E 1404	Lamtu ossidizzat
E 1410	Fosfat tal-monolamtu
E 1412	Fosfat tad-dilamtu
E 1413	Fosfat tad-dilamtu fosfatat
E 1414	Fosfat tad-dilamtu aċetilat
E 1420	Lamtu aċetilat
E 1422	Adipat tad-dilamtu aċetilat
E 1440	Lamtu idrossipropilat
E 1442	Fosfat ta' dilamtu idrossipropilat
E 1450	Ottenilsuċċinat tal-lamtu u s-sodju
E 1451	Lamtu ossidizzat aċetilat
E 1452	Ottenilsuċċinat tal-Lamtu u l-Aluminju
E 1505	Ċitrat tat-trietil
E 1517	Diaċitat tal-gliċeril (diaċetin)
E 1518	Triaċitat tal-gliċeril (triaċetin)

▼M2

Numru E	Isem
E 1519	Alkoħol tal-benżil
E 1520	1,2-Propandijol (propilengliċol)
E 1521	Polietilengliċol

([1]) L-aċidu benżoiku jista' jkun preżenti f'ċerti prodotti ffermentati li jirriżultaw mill-proċess ta' fermentazzjoni segwit minn prattika tajba ta' manifattura.
►M6 ([2]) awtorizzat sal-31 ta' Jannar 2014
([3]) awtorizzat sal-31 ta' Mejju 2013 ◄
►M19 ([4]) Perjodu tal-applikazzjoni: mis-6 ta' Frar 2013. ◄

PARTI C

DEFINIZZJONIJIET TAL-GRUPPI TAL-ADDITTIVI

(1) **Grupp I**

Numru E	Isem	Livell massimu speċifiku
E 170	Karbonat tal-kalċju	*quantum satis*
E 260	Aċidu aċetiku	*quantum satis*
▼M19 E 261	Aċetati tal-potassju ([4])	*quantum satis*
▼M2 E 262	Aċitati tas-sodju	*quantum satis*
E 263	Aċitat tal-kalċju	*quantum satis*
E 270	Aċidu lattiku	*quantum satis*
E 290	Diossidu tal-karbonju	*quantum satis*
E 296	Aċidu tat-tuffieħ	*quantum satis*
E 300	Aċidu assorbiku	*quantum satis*
E 301	Assorbat tas-sodju	*quantum satis*
E 302	Assorbat tal-kalċju	*quantum satis*
E 304	Esteri tal-aċidi xaħmin ta' aċidu assorbiku	*quantum satis*
E 306	Estratt rikk fit-tokoferol	*quantum satis*
E 307	Alfatokoferol	*quantum satis*
E 308	Gammatokoferol	*quantum satis*
E 309	Deltatokoferol	*quantum satis*
E 322	Leċitini	*quantum satis*
E 325	Lattat tas-sodju	*quantum satis*
E 326	Lattat tal-potassju	*quantum satis*
E 327	Lattat tal-kalċju	*quantum satis*
E 330	Aċidu ċitriku	*quantum satis*
E 331	Ċitrati tas-sodju	*quantum satis*
E 332	Ċitrati tal-potassju	*quantum satis*

▼M2

Numru E	Isem	Livell massimu speċifiku
E 333	Ċitrati tal-kalċju	*quantum satis*
E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)	*quantum satis*
E 335	Tartrati tas-sodju	*quantum satis*
E 336	Tartrati tal-potassju	*quantum satis*
E 337	Tartrat tal-potassju u s-sodju	*quantum satis*
E 350	Malati tas-sodju	*quantum satis*
E 351	Malat tal-potassju	*quantum satis*
E 352	Malati tal-kalċju	*quantum satis*
E 354	Tartrat tal-kalċju	*quantum satis*
E 380	Ċitrat tat-triammonju	*quantum satis*
E 400	Aċidu alġiniku	*quantum satis* (1)
E 401	Alġinat tas-sodju	*quantum satis* (1)
E 402	Alġinat tal-potassju	*quantum satis* (1)
E 403	Alġinat tal-ammonju	*quantum satis* (1)
E 404	Alġinat tal-kalċju	*quantum satis* (1)
E 406	Agar	*quantum satis* (1)
E 407	Karraġenina	*quantum satis* (1)
E 407a	Ħaxixa tal-baħar euchema pproċessata	*quantum satis* (1)
E 410	Gomma tal-ħarrub	*quantum satis* (1) (2)
E 412	Gomma tal-gwar	*quantum satis* (1) (2)
E 413	Tragakanti	*quantum satis* (1)
E 414	Gomma arabika (Gomma tal-akaċja)	*quantum satis* (1)
E 415	Gomma Xanthan	*quantum satis* (1) (2)
E 417	Gomma Tara	*quantum satis* (1) (2)
E 418	Gomma Gellan	*quantum satis* (1)
E 422	Gliċerol	*quantum satis*
E 425	Konjac (i) gomma tal-Konjac (ii) Konjac glukomannan	10 g/kg, individwalment jew ikkombinat (1) (3)
E 440	Pektini	*quantum satis* (1)
E 460	Ċelluloża	*quantum satis*
E 461	Metilċelluloża	*quantum satis*
E 462	Etilċelluloża	*quantum satis*

▼**M2**

Numru E	Isem	Livell massimu speċifiku
E 463	Idrossipropil ċelluloża	*quantum satis*
E 464	Idrossipropil metilċelluloża	*quantum satis*
E 465	Etilmetilċelluloża	*quantum satis*
E 466	Karbossimetilċelluloża	*quantum satis*
E 469	Karbossimetilċelluloża idrolizzata enzimatikament	*quantum satis*
E 470a	Imluħa tas-sodju, potassju u kalċju tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 470b	Imluħa tal-manjeżju tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 471	Mono- u digliċeridi ta' aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 472a	Esteri tal-aċidu aċetiku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 472b	Esteri tal-aċidu lattiku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 472c	Esteri tal-aċidu ċitriku ta' mono- u digliċeridi ta' aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 472d	Esteri tal-aċidu tartariku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 472e	Esteri mono u dijacetil tal-aċidu tartariku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 472f	Esteri mħallta tal-aċidu aċetiku u tartariku ta' mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 500	Karbonati tas-sodju	*quantum satis*
E 501	Karbonati tal-potassju	*quantum satis*
E 503	Karbonati tal-ammonju	*quantum satis*
E 504	Karbonati tal-manjeżju	*quantum satis*
E 507	Aċidu idrokloriku	*quantum satis*
E 508	Klorur tal-potassju	*quantum satis*
E 509	Klorur tal-kalċju	*quantum satis*
E 511	Klorur tal-manjeżju	*quantum satis*
E 513	Aċidu sulfuriku	*quantum satis*
E 514	Sulfati tas-sodju	*quantum satis*
E 515	Sulfati tal-potassju	*quantum satis*
E 516	Sulfat tal-kalċju	*quantum satis*

▼**M2**

Numru E	Isem	Livell massimu speċifiku
E 524	Idrossidu tas-sodju	*quantum satis*
E 525	Idrossidu tal-potassju	*quantum satis*
E 526	Idrossidu tal-kalċju	*quantum satis*
E 527	Idrossidu tal-ammonju	*quantum satis*
E 528	Idrossidu tal-manjeżju	*quantum satis*
E 529	Ossidu tal-kalċju	*quantum satis*
E 530	Ossidu tal-manjeżju	*quantum satis*
E 570	Aċidi xaħmin	*quantum satis*
E 574	Aċidu glukoniku	*quantum satis*
E 575	glukono-delta-latton	*quantum satis*
E 576	Glukonat tas-sodju	*quantum satis*
E 577	Glukonat tal-potassju	*quantum satis*
E 578	Glukonat tal-kalċju	*quantum satis*
E 640	Gliċina u l-imluħa tas-sodju tiegħu	*quantum satis*
E 920	L-ċistejna	*quantum satis*
E 938	Argon	*quantum satis*
E 939	Elju	*quantum satis*
E 941	Nitroġenu	*quantum satis*
E 942	Ossidu nitruż	*quantum satis*
E 948	Ossiġenu	*quantum satis*
E 949	Idroġenu	*quantum satis*
E 1103	Invertaži	*quantum satis*
E 1200	Polidestrożju	*quantum satis*
E 1404	Lamtu ossidat	*quantum satis*
E 1410	Fosfat tal-monolamtu	*quantum satis*
E 1412	Fosfat tad-dilamtu	*quantum satis*
E 1413	Fosfat tad-dilamtu fosfatat	*quantum satis*
E 1414	Fosfat tad-dilamtu aċetilat	*quantum satis*
E 1420	Lamtu aċetilat	*quantum satis*
E 1422	Adipat tad-dilamtu aċetilat	*quantum satis*

▼**M2**

Numru E	Isem	Livell massimu speċifiku
E 1440	Lamtu idrossipropilat	*quantum satis*
E 1442	Fosfat tad-dilamtu idrossipropilat	*quantum satis*
E 1450	Ottenilsuċċinat tal-lamtu u s-sodju	*quantum satis*
E 1451	Lamtu ossidizzat aċetilat	*quantum satis*
E 620	Aċidu glutamiku	10 g/kg, individwalment jew ikkombinat, espress bħala aċidu glutamiku
E 621	Glutamat tal-monosodju	
E 622	Glutomat tal-monopotassju	
E 623	Diglutamat tal-kalċju	
E 624	Glutamat tal-monoammonju	
E 625	Diglutamat tal-manjeżju	
E 626	Aċidu gwaniliku	500 mg/kg, individwalment jew ikkombinat, espress bħala aċidu gwaniliku
E 627	Gwanilat tad-disodju	
E 628	Gwanilat tad-dipotassju	
E 629	Gwanilat tal-kalċju	
E 630	Aċidu inosiniku	
E 631	Inosinat tad-disodju	
E 632	Inosinat tad-dipotassju	
E 633	Inosinat tal-kalċju	
E 634	5'-ribonukleotidi tal-kalċju	
E 635	5'-ribonukleotidi tad-disodju	
E 420	Sorbitoli	Quantum satis (għal skopijiet differenti milli biex tingħata l-ħlewwa)
E 421	Mannitol	
E 953	Isomalt	
E 965	Maltitoli	
E 966	Lattitol	
E 967	Ksilitol	
E 968	Eritritol	

([1]) Ma jistax jintuża f'kikkri żgħar tal-ġelatina.
([2]) Ma tistax tintuża biex tipproduċi ikel deidrat maħsub biex jirreidrata ruħu malli jittiekel.
([3]) Ma jistax jintuża fi ħlewwiet tal-ġelatina.
►**M19** ([4]) Perjodu tal-applikazzjoni: mis-6 ta' Frar 2013. ◄

▼M2

(2) **Grupp II: Kuluri tal-ikel awtorizzati fi quantum satis**

Numru E	Isem
E 101	Riboflavini
E 140	Klorofilli, Klorofillini
E 141	Kumplessi tar-ram tal-klorofilli u klorofillini
E 150a	Karamella ordinarja
E 150b	Karamella tas-sulfit kawstiku
E 150c	Karamella tal-ammonja
E 150d	Karamella tal-ammonja tas-sulfit
E 153	Karbonju veġetali
E 160a	Karoteni
E 160c	Estratt tal-paprika, kapsantin, kapsorubin
E 162	Aħmar kulur il-pitravi, betanin
E 163	Antoċjani
E 170	karbonat tal-kalċju
E 171	Diossidu tat-titanju
E 172	Ossidi u idrossidi tal-ħadid

(3) **Grupp III: Kuluri tal-ikel b'limitu massimu kkombinat**

Numru E	Isem
E 100	Kurkumina
E 102	Tartrażina
▼M5	
———————	
▼M2	
E 120	Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji
E 122	Ażorubina, Karmojżina
▼M5	
———————	
▼M2	
E 129	Aħmar Allura AC
E 131	Blu Patentat V
E 132	Indigotina, Karminju indigo
E 133	Blu Brillanti FCF
E 142	Aħdar S
E 151	Iswed Brillanti BN, Iswed BN

▼M2

Numru E	Isem
E 155	Kannella HT
E 160e	Beta-apo-8'- karotenal (C 30)
E 161b	Lutejna

(4) **Grupp IV: Polijoli**

Numru E	Isem
E 420	Sorbitoli
E 421	Mannitol
E 953	Isomalt
E 965	Maltitoli
E 966	Lattitol
E 967	Ksilitol
E 968	Eritritol

(5) **Addittivi oħra li jistgħu jiġu rregolati kkombinati**

(a) E 200 – 203: Aċidu sorbiku – sorbati (SA)

Numru E	Isem
E 200	Aċidu sorbiku
E 202	Sorbat tal-potassju
E 203	Sorbat tal-kalċju

(b) E 210 – 213: Aċidu benżojku – benżoati (BA)

Numru E	Isem
E 210	Aċidu Benżojku
E 211	Benżoat tas-sodju
E 212	Benżoat tal-potassju
E 213	Benżoat tal-kalċju

(c) E 200 – 213: Aċidu sorbiku - sorbati; Aċidu benżojku – benżoati (SA + BA)

Numru E	Isem
E 200	Aċidu sorbiku
E 202	Sorbat tal-potassju
E 203	Sorbat tal-kalċju

▼**M2**

Numru E	Isem
E 210	Aċidu benżojku
E 211	Benżoat tas-sodju
E 212	Benżoat tal-potassju
E 213	Benżoat tal-kalċju

(d) E 200 – 219: Aċidu sorbiku - sorbati; Aċidu benżojku - benżoati; p-idrossibenżoati (SA + BA + PHB)

Numru E	Isem
E 200	Aċidu sorbiku
E 202	Sorbat tal-potassju
E 203	Sorbat tal-kalċju
E 210	Aċidu benżojku
E 211	Benżoat tas-sodju
E 212	Benżoat tal-potassju
E 213	Benżoat tal-kalċju
E 214	Etil p-idrossibenżoat
E 215	Sodju etil p-idrossibenżoat
E 218	Metil p-idrossibenżoat
E 219	Sodju metil p-idrossibenżoat

(e) E 200 - 203; 214 – 219: Aċidu sorbiku - sorbati; p-idrossibenżoati (SA + PHB)

Numru E	Isem
E 200	Aċidu sorbiku
E 202	Sorbat tal-potassju
E 203	Sorbat tal-kalċju
E 214	Etil p-idrossibenżoat
E 215	Sodju etil p-idrossibenżoat
E 218	Metil p-idrossibenżoat
E 219	Sodju metil p-idrossibenżoat

(f) E 214 – 219: p-idrossibenżoati (PHB)

Numru E	Isem
E 214	Etil p-idrossibenżoat
E 215	Sodju etil p-idrossibenżoat
E 218	Metil p-idrossibenżoat
E 219	Sodju metil p-idrossibenżoat

▼**M2**

(g) E 220 – 228: Diossidu tal-kubrit – sulfiti

Numru E	Isem
E 220	Diossidu tal-kubrit
E 221	Sulfit tas-sodju
E 222	Sulfit tas-sodju idroġenu
E 223	Metabisulfat tas-sodju
E 224	Metabisulfat tal-potassju
E 226	Sulfit tal-kalċju
E 227	Sulfit tal-kalċju idroġenu
E 228	Sulfit tal-potassju idroġenu

(h) E 249 – 250: Nitriti

Numru E	Isem
E 249	Nitrit tal-potassju
E 250	Nitrit tas-sodju

(i) E 251 – 252: Nitrati

Numru E	Isem
E 251	Nitrat tas-sodju
E 252	Nitrat tal-potassju

(j) E 280 – 283: Aċidu propjoniku - propjonati

Numru E	Isem
E 280	Aċidu propjoniku
E 281	Propjonat tas-sodju
E 282	Propjonat tal-kalċju
E 283	Propjonat tal-potassju

(k) E 310 – 320: Gallati, TBHQ u BHA

Numru E	Isem
E 310	Gallat tal-propil
E 311	Gallat tal-ottil
E 312	Gallat tad-dodeċil
E 319	Butil idrokinone terzjarju (TBHQ)
E 320	Idrossianisol butilat (BHA)

▼**M2**

(l) E 338 – E 341, E 343 u E 450 – 452: Aċidu fosforiku - fosfati - di - tri- u polifosfati

Numru E	Isem
E 338	Aċidu fosforiku
E 339	Fosfati tas-sodju
E 340	Fosfati tal-potassju
E 341	Fosfati tal-kalċju
E 343	Fosfati tal-manjeżju
E 450	Difosfati
E451	Trifosfati
E 452	Polifosfati

(m) E 355 – 357: Aċidu adipiku - adipati

Numru E	Isem
E 355	Aċidu adipiku
E 356	Adipat tas-sodju
E 357	Adipat tal-potassju

(n) E 432 – 436: Polisorbati

Numru E	Isem
E 432	Monlawrat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 20)
E 433	Monooleat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 80)
E 434	Monopalmitat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 40)
E 435	Monostearat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 60)
E 436	Tristearat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 65)

(o) E 473 – 474: Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin, Sukrogliċeridi

Numru E	Isem
E 473	Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin
E 474	Sukroglicéruri

(p) E 481 – 482: Stearojl-2- lattilati

Numru E	Isem
E 481	Stearojl-2-lattilat tas-sodju
E 482	Stearojl-2-lattilat tal-kalċju

▼M2

(q) E 491 – 495: Esteri tas-sorbitan

Numru E	Isem
E 491	Monostearat tas-sorbitan
E 492	Tristearat tas-sorbitan
E 493	Monolawrat tas-sorbitan
E 494	Monooleat tas-sorbitan
E 495	Monopalmitat tas-sorbitan

(r) E 520 – 523: Sulfati tal-aluminju

Numru E	Isem
E 520	Sulfat tal-aluminju
E 521	Sulfat tas-sodju tal-aluminju
E 522	Sulfat tal-potassju tal-aluminju
E 523	Sulfat tal-ammonju tal-aluminju

▼M6

(s.1.) E 551 – 559: Diossidu tas-silikonju - silikati ([1])

Numru E	Isem
E 551	Diossidu tas-silikonju
E 552	Silikat tal-kalċju
E 553a	Silikat tal-manjeżju
E 553b	Terra
E 554	Silikat tas-sodju tal-aluminju
E 555	Silikat tal-potassju tal-aluminju
E 556	Silikat tal-kalċju tal-aluminju
E 559	Silikat tal-aluminju (Kaolin)

(s.2.) E 551 – 553: Diossidu tas-silikonju - silikati ([2])

Numru E	Isem
E 551	Diossidu tas-silikonju
E 552	Silikat tal-kalċju
E 553a	Silikat tal-manjeżju
E 553b	Terra

▼M2

(t) E 620 – 625: Aċidu glutamiku – glutamati

Numru E	Isem
E 620	Aċidu glutamiku
E 621	Glutamat tal-monosodju

([1]) applikabbli sal-31 ta' Jannar 2014
([2]) applikabbli mill-1 ta' Frar 2014.

▼M2

Numru E	Isem
E 622	Glutamat tal-monopotassju
E 623	Diglutamat tal-kalċju
E 624	Glutamat tal-monoammonju
E 625	Diglutamat tal-manjeżju

(u) E 626 – 635: Ribonukleotidi

Numru E	Isem
E 626	Aċidu gwaniliku
E 627	Gwanilat tad-disodju
E 628	Gwanilat tad-dipotassju
E 629	Gwanilat tal-kalċju
E 630	Aċidu inosiniku
E 631	Inosinat tad-disodju
E 632	Inosinat tad-dipotassju
E 633	Inosinat tal-kalċju
E 634	5'-ribonukleotidi tal-kalċju
E 635	5'-ribonukleotidi tad-disodju

PARTI D

KATEGORIJI TAL-IKEL

Numru	Isem
0.	**Il-kategoriji tal-ikel**
01.	**Analogi u prodotti tal-ħalib**
01.1	Ħalib mhux mogħti t-togħma, pasturizzat u sterilizzat (inkluż UHT)
01.2	Prodotti tal-ħalib iffermentati mhux mogħtija t-togħma, inkluż xorrox tal-butir naturali mhux mogħti t-togħma (esklużxorrox tal-butir sterilizzat) mhux trattat bis-sħana wara l-fermentazzjoni
01.3	Prodotti ffermentati mhux mogħtija t-togħma, trattati bis-sħana wara l-fermentazzjoni
01.4	Prodotti tal-ħalib iffermentati mogħtija t-togħma inklużi prodotti trattati bis-sħana
01.5	Ħalib deidrat kif definit mid-Direttiva 2001/114/KE
01.6	Krema u trab tal-krema
01.6.1	Krema pasturizzata mhux mogħtija t-togħma (minbarra kremi b'xaħam imnaqqas)

▼M2

Numru	Isem
01.6.2	Prodotti tal-krema ħajjin iffermentati mhux mogħtija t-togħma u prodotti li jissostitwixxu b'kontenut ta xaħam ta' anqas minn 20 %
01.6.3	Kremi oħrajn
01.7	Ġobon u prodotti tal-ġobon
01.7.1	Ġobon mhux misjur minbarra prodotti fil-kategorija 16
01.7.2	Ġobon misjur
01.7.3	Qoxra tal-ġobon li tittiekel
01.7.4	Ġobon tax-xorrox
01.7.5	Ġobon ipproċessat
01.7.6	Prodotti tal-ġobon (minbarra prodotti fil-kategorija 16)
01.8	Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi whiteners tax-xorb
02.	**Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u ż-żejt**
02.1	Xaħmijiet u żjut essenzjalment liberi mill-ilma (minbarra xaħam tal-ħalib anidru)
02.2	Emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żejt prinċipalment tat-tip ilma fiż-żejt
02.2.1	Butir u butir ikkonċentrat u żejt tal-butir u xaħam tal-ħalib anidru
02.2.2	Emulsjonijiet oħra tax-xaħam u ż-żejt inklużi pejsts kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u emulsjonijiet likwidi
02.3	Sprej taż-żejt veġetali għat-twaġen
03.	**Silġ li jittiekel**
04.	**Frott u ħxejjex**
04.1	Frott u ħxejjex mhux ipproċessati
